

Brussell, 28 ta' Frar 2025
(OR. en)

6646/25

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0035(NLE)

RECH 71
ATO 7
COMPET 102

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 60 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkomplimenta lil Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 60 final.

Mehmuż: COM(2025) 60 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.2.2025
COM(2025) 60 final

2025/0035 (NLE)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija
Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkumplementa lil Orizzont Ewropa – il-Programm
Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom)
2021/765**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Din il-proposta għal Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom għall-2026-2027 (il-“Programm”) testendi b'mod effettiv il-Programm attwali tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2021-2025 (il-“Programm 2021-2025”)¹ għas-sentejn² li fadal tal-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) attwali³.

Il-Programm propost hu distint iżda jżomm ħafna mill-karatteristiċi tal-predeċessur tiegħu, fosthom l-attivitàjiet tar-riċerka ewlenin tiegħu⁴. Il-pakkett finanzjarju tal-Programm kien diġà ġie stabbilit għal EUR 598 miljun (bi prezzijiet attwali) meta ġie adottat il-QFP. Il-proposta tistabbilixxi l-baġit għall-azzjonijiet diretti u indiretti, l-oġettivi ġenerali u speċifiċi, u tiddekrivi l-istrumenti tal-appoġġ.

Il-Kummissjoni se timmira li timplimenta l-Programm bil-prijoritajiet li ġejjin:

- Ir-riċerka dwar is-sikurezza se tipprovdi: (i) għodod u gwida lill-operaturi tal-impjanti tal-enerġija nukleari (NPPs) u lill-awtoritajiet tas-sikurezza biex jimmonitorjaw is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari eżistenti; (ii) għarfien espert u soluzzjonijiet biex l-NPPs futuri, inkluż ir-reatturi modulari żgħar (SMRs), jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza; u (iii) għodod u metodi lill-awtoritajiet tas-sikurezza biex jittestjaw disinji ġodda u jiffaċilitaw il-liċenzjar. Il-finanzjament għal proġetti tar-riċerka f'dan il-qasam se jkun selettiv ħafna għax ħafna mill-baġit għall-fissjoni se jiġi assorbit minn sħubijiet kofinanzjati.
- Il-Programm se jipprovdi finanzjament addizzjonali lis-Sħubijiet Ewropej ikkofinanzjati li jwettqu riċerka fil-fissjoni (il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-materjali nukleari) biex jiżgura li dawn ikunu jistgħu jadattaw għax-xenarju tar-riċerka li qed jinbidel u jinkludu lil partijiet ikkonċernati ġodda u lill-Istati Membri kollha.
- Il-Programm se jistinka biex iżomm il-pożizzjoni tat-tmexxija li għandha l-UE fir-riċerka fil-fużjoni billi jniedi Sħubija Ewropea koprogrammata li se tlaqqa' flimkien lil partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku u mis-settur privat biex jingħelbu l-ostakli fil-proċess għad-disinn u l-bini tal-ewwel impjant tal-enerġija mill-fużjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament (Euratom) 2018/1563 (ĠU L 167, I, 12.5.2021, p. 81, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/765/oj>).

² Il-Programmi tal-Euratom għandhom perjodi iqsar minn programmi finanzjaturi oħra tat-TFUE, għax l-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom jillimita dawn il-programmi għal ħames (5) snin.

³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

⁴ Dawn jinkludu s-sikurezza u s-sigurtà nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u tal-fjuwil użat, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, u l-enerġija mill-fużjoni.

- Il-Programm se jkompli jappoġġa azzjonijiet fit-tul fl-edukazzjoni u t-taħriġ billi joffri mobbiltà u aċċess għall-infrastruttura lill-istudenti u lir-riċerkaturi, daqskemm stabbiltà u prevedibbiltà lill-partijiet ikkonċernati u lill-utenti. Se ssir enfasi fuq attar interazzjoni bejn dawn l-azzjonijiet, is-sħubijiet u l-proġetti attwali u ġodda.
- Il-Programm se jkompli jiffinanzja r-riċerka fl-iżvilupp tat-tekniki li jappoġġaw is-salvagwardji nukleari, is-sigurtà u l-isforzi tan-nonproliferazzjoni, minħabba ż-żieda sostanzjali fl-użu tat-teknoloġiji tal-fissjoni nukleari madwar id-dinja.

Jekk ma tittieħed l-ebda azzjoni fuq ir-riċerka nukleari fil-livell Ewropew, aktarx li l-Istati Membri l-kbar biss ikunu kapaċi jwettqu programmi nazzjonali. Il-kooperazzjoni intra-Ewropea aktarx li tkun limitata għal daww l-Istati Membri l-kbar u għal arranġamenti bilaterali. Stati Membri iżgħar jistgħu iġarrbu iżolament xjentifiku u jtilfu għarfien esperti. Il-Programm hu maħsub biex jinkludi lill-Istati Membri u l-isforzi tar-riċerka kollha, filwaqt li jikkumplementa l-Programm Qafas tal-UE, li jappoġġa r-riċerka nonnukleari.

Il-Kummissjoni bdiet tħejji l-proposta billi kkonsultat lill-Kumitat Xjentifiku u Tekniku (KXT) tal-Euratom, kif meħtieġ skont il-bażi legali⁵. Il-KXT ta opinjoni⁶ li l-Kummissjoni qieset fit-tħejji ta' din il-proposta.

• **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Programm se jkompli l-attivitajiet tar-riċerka tal-predeċessur tiegħu. Hu konsistenti mal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa⁷ u jikkumplementah fil-qasam tar-riċerka nukleari. Japplika r-regoli ta' Orizzont Ewropa għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni u juża l-istess strumenti, inkluż is-Sħubijiet Ewropej⁸. Id-dispożizzjonijiet dwar is-sinerġiji⁹ jiżguraw ukoll li ż-żewġ programmi jkunu jikkumplementaw lil xulxin.

• **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Billi tappoġġa riċerka eċċellenti u tiżgura l-kundizzjonijiet it-tajba għar-riċerka u l-iżvilupp ta' ħliet ġodda, il-proposta hi konsistenti mal-politiki tal-UE huma maħsuba biex iżidu l-kompetittività tal-UE.

Il-Programm se jappoġġa inizjattivi tar-riċerka fis-sikurezza nukleari u fl-oqsma strateġiċi appoġġati fl-Att dwar l-Industrija b'Emissjonijiet Żero Netti¹⁰. Se jappoġġa wkoll l-inizjattivi dwar is-sikurezza tal-Alleanza Industrijali Ewropea għar-Reatturi Modulari Żgħar li ġiet stabbilita dan l-aħħar.

⁵ Ara wkoll "Bażi legali" u "Għażla tal-istrument" fit-Taqsima 2.

⁶ *Priorities for European nuclear research & training: An STC Opinion* (STC-2023-16 FINAL, 20.10.2023). https://research-and-innovation.ec.europa.eu/document/download/8908a4d4-ad88-465f-9c9b-bbbf0e7174cc_en?filename=priorities-for%20european-nuclear-research.pdf.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

⁸ Ara l-Artikoli 9, 7 u 6(3) ta' din il-proposta u l-Artikolu 10 l-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/695.

⁹ Ara l-Artikolu 10(2) ta' din il-proposta u l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) 2021/695.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2024/1735 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' ta' Ġunju 2024 dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' miżuri għat-tisħiħ tal-ekosistema Ewropea tal-manifattura ta' teknoloġija b'emissjonijiet zero netti u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (ĠU L, 2024/1735, 28.6.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1735/oj>).

Il-Programm se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu 7 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-“Trattat”) dwar is-salvagwardji nukleari¹¹. Se jikkontribwixxi wkoll għall-aġendi u l-istrateġiji tas-sigurtà tal-UE billi jappoġġa r-riċerka dwar is-sigurtà nukleari.

Ir-riċerka ffinanzjata mill-Programm se tappoġġa l-implimentazzjoni tad-Direttivi tal-Euratom dwar is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari¹², il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv¹³, u l-protezzjoni mir-radjazzjoni¹⁴.

Il-Programm se jkompli jappoġġa wkoll l-implimentazzjoni tal-Istrument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari¹⁵ u l-aspetti nukleari u radjoloġiċi tal-Istrument tal-Viċinat, tal-Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u tal-Kooperazzjoni Internazzjonali¹⁶.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• Bażi legali

It-Trattat jiddikjara li l-Kummissjoni hi responsabbli biex tippromwovi u tiffaċilita r-riċerka nukleari fl-Istati Membri u biex tikkumplementaha billi twettaq Programm tar-riċerka u t-taħriġ tal-Komunità (l-Artikolu 4). Dak il-programm irid ikun adottat mill-Kunsill li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni (l-Artikolu 7).

Skont it-Trattat, il-Parlament Ewropew ma jiġix ikkonsultat, iżda fil-passat id-detentur tal-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill stieden lill-Parlament biex jikkummenta dwar ir-regolamenti proposti li jistabbilixxu l-Programmi tal-Euratom. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew se jinżamm infurmat, kif meħtieġ skont il-bażi legali (l-Artikolu 7).

¹¹ Ir-referenzi għat-Trattat huma għall-verżjoni konsolidata. <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02016A/TXT-20240901>

¹² Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/71/Euratom tal-25 ta' Ġunju 2009 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għas-sigurtà tal-installazzjonijiet nukleari (ĠU L 172, 2.7.2009, p. 18, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2009/71/oj>).

¹³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/70/oj>).

¹⁴ Id-Direttiva tal-Kunsill 2013/59/Euratom tal-5 ta' Diċembru 2013 li tistabbilixxi standards bażiċi ta' sikurezza għal protezzjoni kontra l-perikli li jirriżultaw minn esponiment għal radjazzjoni jonizzanti, u li tħassar id-Direttivi 89/618/Euratom, 90/641/Euratom, 96/29/Euratom, 97/43/Euratom u 2003/122/Euratom (ĠU L 13, 17.1.2014, p. 1).

¹⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/948 tas-27 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Strument Ewropew għal Kooperazzjoni Internazzjonali fil-qasam tas-Sikurezza Nukleari li jikkomplementa l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali abbażi tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 237/2014 (ĠU L 209, 14.06.2021, p. 79, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2013/59/oj>).

¹⁶ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009 (ĠU L 209, 14.6.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/947/oj>).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-Programm jgħin lill-Istati Membri, irrispettivament mill-għażla nazzjonali tagħhom li jiġġeneraw jew jikkunsmaw l-enerġija mill-fissjoni nukleari, biex jaħdmu flimkien ħalli jiżviluppaw l-opportunitajiet offruti mix-xjenza nukleari u jnaqqsu r-riskji tal-applikazzjonijiet differenti tar-radjazzjoni jonizzanti.

Il-Programm hu fl-interess, mhux biss tat-12-il Stat Membru li joperaw NPPs bħala parti mit-taħlita tal-enerġija nazzjonali tagħhom, iżda anki tal-ħafna Stati Membri oħra li joperaw reatturi għal skopijiet tar-riċerka jew għall-produzzjoni ta' isotopi radjuattivi. Tabilħaqq, hu fl-interess tal-pajjiżi kollha tal-UE li jużaw l-isotopi radjuattivi għal skopijiet mediċi. L-Istati Membri kollha jistgħu jibbenefikaw mill-iżvilupp u l-kondiviżjoni tal-kompetenzi fis-sikurezza nukleari u fil-ġestjoni sikura tal-iskart radjuattiv.

L-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni, li jeħtieġ sforzi tar-riċerka fuq skala kbira ħafna, hu fl-interess tal-Istati Membri kollha tal-UE. Fl-aħħar nett, l-Istati Membri kollha jużaw jew jibbenefikaw mir-radjazzjoni fl-applikazzjonijiet mediċi, industrijali, agrikoli, ambjentali u tas-sigurtà. L-istandards armonizzati stabbiliti mid-diversi direttivi tal-Euratom jisħqu b'mod ċar il-ħtieġa ta' approċċ uniformi għall-materji tekniċi u t-taħriġ madwar l-UE.

Is-sigurtà nukleari hi responsabbiltà nazzjonali. Iżda biex jissaħħaħ il-bini tal-kapaċità fil-livell tal-UE u nazzjonali, l-azzjonijiet diretti tal-Programm jgħinu biex jingħelbu wħud mill-isfidi tas-sigurtà li qed issib l-UE u d-dimensjonijiet globali ta' daww l-isfidi fl-oqsma tal-mitigazzjoni tar-riskji għas-sigurtà CBRN, id-detezzjoni tal-materjal nukleari u radjoloġiku, u l-analiżi tal-forensika, flimkien ma' taħriġ xieraq. Is-salvagwardji huma l-kompetenza esklussiva tal-Komunità tal-Euratom u l-appoġġ tekniku kontinwu, ir-riċerka u l-iżvilupp f'dan il-qasam b'azzjonijiet diretti huma kruċjali biex is-sistema tas-salvagwardji tal-Euratom tibqa' effiċjenti u effettiva.

- **Proporzjonalità**

Il-Programm jipprevedi miżuri li jappoġġaw lir-riċerkaturi u jikkordinaw l-isforzi tar-riċerka tal-Istati Membri biex tkun evitata d-duplikazzjoni, tinżamm il-massa kritika f'oqsma ewlenin, u jkun żgurat li l-fondi pubbliċi jintefqu bl-aħjar mod. Miżuri bħal dawn jistgħu jgħibu investimenti pubbliċi u privati addizzjonali fir-R&I. Huma meħtieġa wkoll biex jappoġġaw it-tfassil tal-politika tal-UE u biex jintlaħqu l-oġettivi stabbiliti fil-politiki tal-UE. Il-miżuri proposti ma jmorrux lil hinn minn dak meħtieġ biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Komunità.

- **Għażla tal-istrument**

Il-Programm se jiġi implimentat b'regolament tal-Kunsill, kif kien ġie implimentat il-predeċessur tiegħu. Dan jgħallq drittijiet u obbligi għall-benefiċjarji li jkunu vinkolanti fl-intier tagħhom u applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha tal-UE u fil-pajjiżi assoċjati mal-Programm. Dan hu wkoll konsistenti mal-mod kif jiġu stabbiliti programmi finanzjaturi oħra tal-UE.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Din il-proposta kienet ibbażata fuq l-evalwazzjoni *ex post*¹⁷ tal-Programmi tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2014-2020¹⁸ u l-evalwazzjoni *interim*¹⁹ tal-Programm 2021-2025.

L-evalwazzjoni *ex post* ikkonkludiet li l-Programm 2014-2020 ta appoġġ sinifikanti għas-sikurezza u s-sigurtà nukleari u għall-protezzjoni mir-radjazzjoni, u għen biex ikun żgurat li l-Ewropa tilħaq l-aqwa standards f'dawk l-oqsma. Il-Programm 2014-2020 ikkontribwixxa wkoll għad-dekarbonizzazzjoni fit-tul tas-sistema tal-enerġija tal-UE billi: (i) ipprova bażi tal-għarfien u s-soluzzjonijiet għat-tħaddim fit-tul tal-NPPs eżistenti; (ii) avvanza l-għarfien u t-teknoloġiji meħtieġa għall-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni; u (iii) bena l-każ tas-sikurezza għal sistemi nukleari avvanzati. Il-Programm għen ukoll biex jinżammu u jiġu żviluppati aktar il-ħiliet nukleari essenzjali, b'ġestjoni effettiva tal-għarfien u b'offerta wiesgħa ta' edukazzjoni u taħriġ, filwaqt li appoġġa kontinwament lil politiki relatati mal-qasam nukleari. Il-Programm kien ta' benefiċċju partikolari għall-Istati Membri ż-żgħar, li setgħu jaħtflu vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala u l-aċċess miftuħ għall-faċilitajiet tal-JRC. L-Istati Membri li ma jużawx l-enerġija nukleari ħadu sehem l-aktar f'proġetti dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni, l-applikazzjonijiet mediċi u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv. Uħud minnhom ħadu sehem ukoll fir-riċerka fis-sikurezza nukleari u d-data nukleari biex jibqa' jkollhom kompetenzi importanti f'dawk l-oqsma.

Wara l-evalwazzjoni *ex post*, l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025 tikkonferma r-rilevanza kontinwa u l-appoġġ sinifikanti tiegħu għall-użu sikur u sigur tat-teknoloġiji nukleari permezz tal-portafoll tar-riċerka wiesa' tiegħu ta' azzjonijiet diretti u indiretti tiegħu.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li jekk l-ambitu u l-baġit tal-Programm għar-riċerka fil-fissjoni jibqgħu fl-istess livell bħal tal-Programm 2021-2025, tkun tista' tingħata ċerta kontinwità fir-riċerka għall-operazzjoni sikura tal-NPPs eżistenti fl-Ewropa u għall-valutazzjoni tas-sikurezza ta' teknoloġiji ġodda tar-reatturi. Iżda l-finanzjament għall-proġetti tar-riċerka f'dan il-qasam se jkun selettiv ħafna għax ħafna mill-baġit għall-fissjoni se jiġi assorbit minn sħubijiet kofinanzjati. L-ambitu u l-livell tal-finanzjament attwali lanqas mhu se jkun biżżejjed jekk l-UE trid (i) tlaħħaq mal-kompetituri internazzjonali, (ii) tindirizza kwistjonijiet ewlenin għall-iżvilupp tal-SMRs, il-fjuwils avvanzati u ċ-ċikli tal-fjuwil, u (iii) iżżid il-ħiliet nukleari fl-UE b'mod sostanzjali.

¹⁷ *Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Evalwazzjoni ex-post tal-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2014-2020* (COM(2024) 549 final, 28.11.2024).

¹⁸ Stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1314/2013 tas-16 ta' Diċembru 2013 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2014-2018) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 948, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1314/oj>) u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta' Ottubru 2018 dwar il-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1563/oj>).

¹⁹ *Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni: Evalwazzjoni interim tal-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2021-2025* (COM(2025) NNN, JJ.XX.2025).

Il-Programm jenħtieġ li jkompli jipprovdi finanzjament fl-2026-2027 għas-Sħubijiet Ewropej kofinanzjati tar-riċerka fil-fissjoni: PIANOFORTE (protezzjoni mir-radjazzjoni), EURAD-2 (ġestjoni tal-iskart radjuattiv) u Connect-NM (materjali nukleari). Dawn is-Sħubijiet inkisbu wara sforzi fit-tul mill-komunità tar-riċerka, mill-partijiet ikkonċernati u mill-Istati Membri biex flimkien jirnexxilhom jaslu għal aġenda komuni tar-riċerka u jegħlbu l-isfidi ewlenin fl-oqsma kollha kkonċernati. Filwaqt li s'issa sar ċertu progress xjentifiku, il-Kummissjoni se tinsisti biex ikompli jittejbu l-organizzazzjoni u l-operazzjoni tas-sħubijiet ħalli tiżgura li r-riċerka ffinanzjata mill-Programm Euratom tibqa' rilevanti għaċ-ċittadini kollha tal-UE u din tkun tindirizza l-aktar sfidi urġenti fil-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv u l-materjali nukleari. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lis-sħubijiet biex tikkunsidra b'mod sistematiku l-perspettivi fit-tul ta' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati u Stati Membri b'mod sostenibbli.

Ir-riżultati tar-riċerka fil-fużjoni ffinanzjata mill-Euratom huma impressjonanti, iżda mhumieks biżżejjed biex iġibu l-enerġija mill-fużjoni fis-suq fil-ħin biex tappoġġa l-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni tal-UE u tagħti spinta lill-kompetittività. Jeħtieġ jiġu identifikati l-kwistjonijiet u r-riskji kritiċi involuti fil-kostruzzjoni tal-impjant tal-enerġija mill-fużjoni li jenħtieġ li jixpruna r-riċerka ffinanzjata mill-Euratom issa u fis-snin li ġejjin, abbażi ta' inizjattivi mmexxija mill-UE fil-passat u bħalissa, b'mod partikolari l-ITER. L-ewwel pass sar fl-2024 bl-istabbiliment tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-Fużjoni²⁰ li, bħall-Kumitat Konsultattiv dwar il-Fużjoni preċedenti²¹, ilaqqaq flimkien lill-Istati Membri f'korp konsultattiv biex jappoġġa t-tmexxija, il-koordinazzjoni u l-armonizzazzjoni ta' inizjattivi relatati mal-fużjoni fl-Unjoni.

Il-Programm irid jevolvi biex jindirizza l-ostakli teknoloġiċi li jeħtieġu enfasi u investiment addizzjonali, filwaqt li jkun jinvolvi aktar finanzjament privat u esperjenza tal-industrija u jżid il-kollaborazzjoni internazzjonali ma' sħab affidabbli li tipprovdi valur miżjud ċar għall-UE. Il-Kummissjoni diġà bdiet tħejji Sħubija Ewropea koprogrammata f'dan il-qasam li se tlaqqaq flimkien lil partijiet ikkonċernati mis-settur pubbliku u mis-settur privat. L-azzjonijiet 2026-2027 se jwittu t-triq għal din is-sħubija xprunata b'tappi u għal azzjonijiet tal-innovazzjoni supplimentari. Sħubija ġdida ta' dan it-tip tfisser ukoll ir-reviżjoni tar-rwol u l-attivitajiet tal-EUROfusion, li se jaqdu rwol ewleni fl-iżvilupp tal-elementi fundamentali tax-xjenza tal-fużjoni. Aktar dettalji se jkun qed jingħataw fil-Komunikazzjoni dwar l-istrateġija futura tal-Unjoni dwar il-fużjoni, li qed titħejja bħalissa.

L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-JRC hu ta' benefiċċju għall-Komunità tal-Euratom u għal għadd ta' partijiet ikkonċernati esterni għax jipprovdi analiżijiet u studji rilevanti ħafna dwar l-ispettru kollu tal-attivitajiet mis-sikurezza nukleari sas-sigurtà u s-salvagwardji. Analiżijiet dwar modi ta' kif jiġi trattat, minimizzat u riċiklat l-iskart nukleari jew ta' kif jiġu evalwati l-karatteristiċi u l-imġiba tagħhom tqiesu importanti ħafna għas-settur nukleari Ewropew. Billi pprovda data, kejl u materjali ta' referenza nukleari, il-JRC ta kontribut essenzjali, speċjalment għall-valutazzjoni tas-sikurezza u s-sigurtà tas-sistemi attwali u t-teknoloġiji futuri bħall-SMRs. Fil-qasam tas-salvagwardji u n-nonproliferazzjoni, l-għarfien espert u r-riċerka tal-JRC taw kontribut siewi fil-livell Ewropew u fil-livell internazzjonali, inkluż bħala parti mill-programm tal-Kummissjoni li jappoġġa l-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija Atomika (IAEA).

²⁰ Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni E03929.

²¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi Kumitat Konsultattiv għall-Programm ta' Fużjoni (mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Il-proġetti tal-JRC għall-applikazzjonijiet mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija huma rilevanti daqstant ieħor u servew biex isaħħu l-għanijiet ta' politika tal-UE fil-qasam mediku u spazjali. Ir-riżultati tar-riċerka dwar l-azzjonijiet diretti jagħtu kontribut kontinwu u essenzjali għall-użu sikur u sigur tat-teknoloġija nukleari. L-attivitajiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ tal-JRC ipprovdew valur miżjud sinifikanti lill-Istati Membri tal-UE, li jaqbeż bil-kbir il-kapaċitajiet fil-livelli nazzjonali. L-azzjonijiet diretti tiegħu fil-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ flimkien mal-aċċess għall-faċilitajiet nukleari tiegħu jikkomplimentaw il-kapaċitajiet tal-Istati Membri u jirrappreżentaw valur miżjud qawwi fil-livell tal-UE, filwaqt li jikkontribwixxu għal riċerka indipendenti fil-Komunità tal-Euratom. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jappoġġaw ukoll l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki tal-UE fis-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, is-salvagwardji nukleari kif ukoll inizzjattivi tan-nonproliferazzjoni.

Bħala parti mill-istrateġija tiegħu għall-attivitajiet nukleari tiegħu u bi qbil mar-rakkomandazzjonijiet mill-evalwazzjoni *interim*, il-JRC se jiffoka fuq l-ottimizzazzjoni tal-użu tal-infrastrutturi nukleari tiegħu u se jiżgura t-tħaddim sostenibbli tagħhom. Il-JRC qed ikompli jibni l-binja l-ġdida f'Karlsruhe (Wing M) u qed jaħdem biex l-attivitajiet esperimentali li jużaw il-materjali radjuattivi jikkoncentrahom f'żewġ siti (Karlsruhe u Geel). Bl-approċċ tal-portafoll il-ġdid fil-programm ta' ħidma tiegħu, il-JRC se jkompli jtejjeb is-sinerġiji f'diversi oqsma tar-riċerka, filwaqt li jisfrutta bl-aħjar mod l-attivitajiet nukleari u l-attivitajiet mhux nukleari. Il-JRC se jtejjeb ukoll il-kapaċità ta' prospettiva tiegħu u se jisfrutta bl-aħjar mod il-kapaċitajiet attwali tiegħu biex janalizza x-xejriet u jiddefinixxi r-riċerka nukleari tiegħu stess. Se jipprovdi wkoll għarfien xjentifiku utli lill-Istati Membri biex jiżviluppaw l-istrateġiji nazzjonali tagħhom dwar l-iskart radjuattiv u se jgħinjom jikkondividu esperjenzi u prattiki tajba. Fil-qasam tal-kompetenzi nukleari, minbarra li se jkompli jipprovdi taħriġ speċjalizzat, il-JRC se jkompli jiżviluppa metodoloġiji li jappoġġaw lill-Istati Membri fil-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-ħtiġijiet tar-riżorsi umani fis-settur nukleari permezz tal-Osservatorju Ewropew tar-Riżorsi Umani dwar l-Enerġija Nukleari.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Bejn Marzu u Mejju 2024, il-Kummissjoni għamlet sejħa konġunta għall-evidenza u konsultazzjoni pubblika għall-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025 u għat-tħejjija ta' din il-proposta²². Dik il-konsultazzjoni pprovdiet għarfien siewi dwar l-effettività tal-Programm u ħarġet fid-dieher ċerti oqsma ewlenin li jeħtieġu titjib. Ħarġet fid-dieher ukoll livell qawwi ta' parteċipazzjoni mill-partijiet ikkonċernati fi proġetti ffinanzjati mill-Euratom u identifikat il-benefiċċji u l-isfidi tal-Programm. Aktar dettalji jinsabu fl-Anness V tad-dokument ta' ħidma tal-persunal dwar l-evalwazzjoni *interim*.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Waqt l-evalwazzjoni *interim* u t-tfassil tal-proposta tagħha, il-Kummissjoni organizzat għadd ta' laqgħat ma' partijiet ikkonċernati, ġabret ir-rispons u għarblet l-għarfien espert mingħand is-sorsi li ġejjin:

- opinjoni tal-KXT tal-Euratom dwar il-prijoritajiet għar-riċerka u t-taħriġ nukleari Ewropej²³;

²² https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/14180-Euratom-research-and-training-programme-for-2026-2027_mt

²³ STC-2023-16 FINAL, 20.10.2023.

- rapport indipendenti minn panel ta' esperti li jivvaluta l-azzjonijiet diretti tal-JRC bħala parti mill-appoġġ għall-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025²⁴;
- rapporti indipendenti minn esperti individwali dwar l-azzjonijiet indiretti bħala parti mill-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025²⁵;
- l-evalwazzjoni *interim* tal-Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (l-Impriża Konġunta F4E)²⁶;
- id-Diskussjoni Madwar Mejda ta' Livell Għoli Ewropea dwar it-Trawwim tal-Innovazzjoni fil-Fużjoni fl-14 ta' Marzu 2024²⁷;
- il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-enerġija mill-fużjoni fit-23 ta' April 2024²⁸;
- l-eżitu tal-laqgħa tal-partijiet ikkonċernati dwar "Ir-Riċerka tal-Euratom fl-Azzjoni u Opportunitajiet għall-Ewropa"²⁹.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Din il-proposta hija appoġġata bl-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025, li ppreżentat il-kisbiet ta' dak il-Programm u pproponiet titjib li hu rilevanti wkoll għall-2026-2027.

Ġie deċiż li flok issir valutazzjoni tal-impatt *ex ante*, l-evalwazzjoni *interim* tintuża bħala bażi tal-evidenza għat-tħejjija tal-proposta għax il-Programm Euratom ikopri ħames (5) snin (mhux seba' (7) snin bħal ħafna mill-programmi finanzjaturi tal-QFP) u għax il-proposta m'għandha l-ebda implikazzjoni finanzjarja ġdida. L-evalwazzjoni *interim* tqieset li tissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju rigward evalwazzjoni *ex ante* għax hi riċenti biżżejjed u għax il-Programm propost hawnhekk se jżomm l-elementi ewlenin tal-predeċessur tiegħu.

Intużaw ukoll is-sejbiet li għadhom rilevanti tal-valutazzjoni tal-impatt *ex ante* li saret għall-Programm 2021-2025³⁰.

• **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Bħall-predeċessur tiegħu, il-Programm se jiġi implimentat bl-istrumenti u r-regoli tal-parteċipazzjoni u tad-disseminazzjoni ta' Orizzont Ewropa. Il-miżuri tas-simplifikazzjoni diġà

²⁴ COM(2025) NNN.

²⁵ Ibid.

²⁶ L-Evalwazzjoni *interim* tal-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (Euratom) 2021/281 tat-22 ta' Frar 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2007/198/Euratom li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (COM(2025)NNN, JJ.XX.2025).

²⁷ Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Capisani, L., Camus, C. u Papadopoulou, M., *Fostering fusion innovation – High Level European Round Table*, Capisani, L. (editur), Camus, C. (editur) u Papadopoulou, M. (editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/621539>.

²⁸ Il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-enerġija mill-fużjoni: https://energy.ec.europa.eu/events/eu-blueprint-fusion-energy-2024-04-23_mt

²⁹ Il-Kummissjoni Ewropea: id-Direttorat Ġenerali għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, Rossetti di Valdalbero, D. u Janatkova, K., *Euratom research in action and opportunities for Europe – EU strategic autonomy and the future energy systems – EU Modular Reactors (SMRs) Declaration*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/911262>.

³⁰ SWD(2018) 307 final.

introdotti f'Orizzont Ewropa se japplikaw ukoll għall-applikanti u l-benefiċjarji tal-Programm. Għalhekk, l-evalwazzjoni *interim* ta' Orizzont Ewropa tista' twassal għal aktar simplifikazzjoni li se tapplika għall-Programm Euratom. Ir-riżultati tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025 juru li l-miżuri implimentati s'issa, bħal regoli tal-awditjar aktar sempliċi u r-rikonossiment tal-prattiki kontabilistiċi tas-soltu tal-benefiċjarji, naqqsu l-piż amministrattiv, u juru wkoll li l-proċess tas-simplifikazzjoni jenħtiegħ li jissokta. Se tinżamm il-lista unika tal-oġettivi għall-azzjonijiet diretti u indiretti, għax din komplet tissimplifika l-istruttura u l-evalwazzjoni tal-Programm. L-impatti probabbli tas-simplifikazzjoni u t-tnaqqis fil-piż amministrattiv huma esplorati f'aktar dettall fl-evalwazzjoni *interim*.

- **Drittijiet fundamentali**

Ir-Regolament propost jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Il-Premessa 21 tar-Regolament propost tiżgura li l-azzjonijiet tal-Programm ikunu wkoll konformi mal-Karta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-baġit għal din il-proposta juża l-prezzijiet attwali. Id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva meħmuża mal-proposta tistabbilixxi l-implikazzjonijiet mil-lat ta' baġit u riżorsi umani u amministrattivi. Dawk l-implikazzjonijiet ilhom magħrufa minn mindu ntlaħaq qbil dwar il-pakkett finanzjarju għall-Programmi Euratom għall-QFP 2021-2027.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Il-Kummissjoni se timplimenta l-Programm b'ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta mis-Sħubijiet Ewropej (ara l-Artikolu 6(1) tal-proposta).

L-arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar għall-Programm se jkunu bbażati fuq dawk tal-predeċessur tiegħu. Fi żmien erba' (4) snin mit-tlestija tal-Programm se ssir evalwazzjoni finali biex jiġu vvalutati l-effetti tiegħu fil-prattika. L-azzjonijiet diretti u indiretti se jkunu soġġetti għal evalwazzjoni finali komuni.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Il-Kapitolu I jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali tar-Regolament propost. Dan jinkludi artikoli dwar is-suġġett, id-definizzjonijiet, l-oġettivi tal-Programm, il-baġit, l-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Programm, l-implimentazzjoni u l-forom tal-finanzjament, is-Sħubijiet Ewropej, ix-xjenza miftuħa, l-azzjonijiet eliġibbli u r-regoli tal-parteċipazzjoni, u l-finanzjament kumulattiv, alternattiv u kkombinat.

L-uniċi bidliet meta mqabbla mal-Kapitolu I tar-Regolament (Euratom) 2021/765 huma dawk meħtieġa biex jaġġornaw it-test għall-perjodu l-ġdid kopert mill-Programm, jaġġornaw il-pakkett finanzjarju u jneħħu d-dispożizzjonijiet ta' retroattività, għax dan ir-Regolament mistenni jidħol fis-seħħ qabel il-bidu tal-Programm.

Il-Kapitolu II ("Programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll") jinkludi dispożizzjonijiet dwar il-programmi ta' ħidma, il-monitoraġġ u r-rappurtar, l-informazzjoni, il-komunikazzjoni, il-pubbliċità u d-disseminazzjoni u l-isfruttar, l-evalwazzjoni, l-awditi, il-

proċedura tal-kumitat u l-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Mhi proposta l-ebda bidla hemmhekk, ħlief it-tneħħija tar-rekwiżit ta' evalwazzjoni *interim* u r-riorganizzazzjoni konsegwenzjali tal-Artikolu 14.

Huma proposti biss aġġornamenti żgħar fil-Kapitolu III (“Dispożizzjonijiet tranżizzjonali u finali”), li jinkludu t-tħassir tar-Regolament (Euratom) 2021/765, u l-aġġornament ta’ “Dispożizzjonijiet tranżizzjonali” u “Dħul fis-seħħ”. Id-dispożizzjonijiet ta’ retroattività m’għadhomx meħtieġa u tneħħew.

Se jsiru biss żewġ bidliet fl-attivitajiet tal-Programm (l-Anness I). L-ewwel waħda hi li tiżdied dispożizzjoni li tiżgura l-kontinwità tal-finanzjament għas-Sħubijiet Ewropej u azzjonijiet attwali oħrajn li jaf jeħtieġu żieda³¹. B’dik id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni se tkun tista’, bi programm ta’ ħidma, tkompli tiffinanzja l-għotjiet mogħtija tul il-Programm 2021-2025 u effettivament tkopri s-sena’ (7) snin tal-QFP 2021-2027.

It-tieni bidla fl-Anness I tinsab fit-Taqsima (c) dwar ir-riċerka fil-fużjoni, li tipprevedi finanzjament għar-riċerka f’dak il-qasam apparti l-finanzjament mogħti lis-Sħubija Ewropea kofinanzjata. Bi qbil mas-sejbiet tal-evalwazzjoni *interim*, dak il-finanzjament addizzjonali se jappoġġa azzjonijiet li jindirizzaw l-ostakli ewlenin fl-iżvilupp tal-fużjoni u se jinvolvi lis-settur privat. Se jingħata appoġġ b’sejħiet għall-proposti.

³¹ Il-Programm Euratom 2019-2020 (l-“estensjoni” tal-Programm 2014-2018) kien jinkludi dispożizzjoni simili. Ara l-punt (i) “Programm Ewropew tal-Fużjoni” fis-subtaqsima “Azzjonijiet indiretti” taħt it-taqsima “Attivitajiet neċessarji għall-kisba tal-oġġettivi tal-programm” fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2018/1563 tal-15 ta’ Ottubru 2018 dwar il-Programm ta’ Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (2019-2020) li jikkumplementa l-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020, u li jħassar ir-Regolament (Euratom) Nru 1314/2013 (ĠU L 262, 19.10.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1563/oj>).

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkomplimenta lil Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 7 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku u Tekniku,

Billi:

- (1) Il-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Komunità”) għandha l-għan li ttejjeb l-istandard tal-għajxien fl-Istati Membri billi tippromwovi u tiffaċilita r-riċerka nukleari fl-Istati Membri u tikkomplimentaha billi twettaq Programm tar-riċerka u t-taħriġ tal-Komunità.
- (2) Ir-riċerka nukleari tista' tikkontribwixxi għall-benesseri soċjali, il-prosperità ekonomika u s-sostenibbiltà ambjentali billi ttejjeb is-sikurezza nukleari, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni. Ir-riċerka dwar il-protezzjoni mir-radjazzjoni wasslet għal titjib fit-teknoloġiji mediċi li minnhom jibbenefikaw ħafna ċittadini, u dik ir-riċerka tista' twassal għal titjib f'setturi oħra bħall-industrija, l-agrikoltura, l-ambjent u s-sigurtà.
- (3) B'rispett sħiħ għad-dritt tal-Istati Membri li jiddeċiedu dwar it-taħlita enerġetika tagħhom, ir-riżultati tar-riċerka tal-programm stabbilit b'dan ir-Regolament jistgħu potenzjalment jikkontribwixxu għal sistema tal-enerġija newtrali għall-klima b'mod sikur, effiċjenti u sigur.
- (4) Biex tkun żgurata l-kontinwità tar-riċerka nukleari fil-livell Komunitarju, jeħtieġ li jiġi stabbilit il-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2027 (il-“Programm Euratom”) biex il-perjodu tiegħu jkun allinjat ma' dak tal-qafas finanzjarju pluriennali 2021-2027 stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093¹. Il-Programm Euratom jenħtieġ li jkompli għaddej bl-attivitajiet ewlenin tar-riċerka tal-programm preċedenti, bl-istess objettivi u bl-istess mod ta' implimentazzjoni.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2093/oj>).

- (5) Ir-Rapport tal-Kummissjoni dwar l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2021-2025² enfasisza r-rilevanza tal-karatteristiċi differenti tal-Programm Euratom. Dawn jinkludu: (i) il-portafoll wiesa' tar-riċerka li jappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni u l-applikazzjonijiet mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija; (ii) il-valur miżjud tal-UE għar-riċerka fil-fissjoni; (iii) l-appoġġ għall-partijiet ikkonċernati b'sikurezza aħjar u l-bażi tal-għarfien biex ikun żgurat it-tħaddim sikur fit-tul tal-impjanti tal-enerġija nukleari attwali; (iv) il-bini ta' każ għas-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji għal sistemi nukleari avvanzati; (v) l-iżvilupp ulterjuri tar-riċerka fil-fużjoni b'titjib fil-governanza; u (vi) id-definizzjoni tal-prijoritajiet tal-programm u l-identifikazzjoni ta' perkorsi aktar kredibbli u realistiki. Ir-rapport ikkonkluda li daww il-karatteristiċi jridu jinżammu fl-estensjoni tal-Programm.
- (6) Il-Programm Euratom kien maħsub u tfassal minħabba l-ħtieġa li tiġi stabbilita massa kritika ta' attivitajiet appoġġati. Dan irid jinkiseb billi jiġi stabbilit għadd limitat ta' objettivi speċifiċi ffukati fuq l-użu sikur tal-fissjoni nukleari għall-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija, iż-żamma u l-iżvilupp tal-għarfien espert meħtieġ, it-trawwim tal-enerġija mill-fużjoni u l-appoġġ għall-politiki tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha dwar is-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.
- (7) Il-Programm Euratom hu parti kruċjali mill-isforzi tal-Unjoni biex tkompli tiżviluppa t-tmexxija teknoloġika u tippromwovi l-eċċellenza fir-riċerka u l-innovazzjoni nukleari biex tiżgura l-aqwa standards tas-sikurezza, tas-sigurtà, tas-salvagwardji, ta' protezzjoni mir-radjazzjoni, f'juwil użat sikur, ġestjoni tal-iskart radjuattiv u dekkummissjonar fil-qasam nukleari, bi qbil mal-objettivi tal-programm stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (8) Billi l-Istati Membri kollha jużaw xi materjali radjuattivi, hu importanti li tkun żgurata l-ġestjoni responsabbli u sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, kif teżiġi d-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom³ ħalli jkun evitat li jiġu imposti piżijiet żejda fuq il-ġenerazzjonijiet futuri. Il-Programm Euratom jenħtieġ li jkompli jtejjeb u jappoġġa r-riċerka u l-iżvilupp relatati mat-teknoloġiji u l-kompetenzi fil-qasam tal-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv.
- (9) Fil-kuntest ta' dan ir-Regolament, ir-riċerka fl-enerġija mill-fużjoni qed tiġi implimentata bi qbil mal-Pjan Direzzjonali Ewropew dwar il-Fużjoni, li jiddeskrivi r-riċerka u l-iżviluppi meħtieġa biex jipprovdu l-bażi għal impjant tal-enerġija mill-fużjoni li jiġġenera l-elettriku, u mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom⁴. Fl-immedjat u fi żmien medju, il-pass ewlieni hu li titlesta l-kostruzzjoni u jibda jitħaddem l-ITER, filwaqt li l-attivitajiet Ewropej dwar l-ITER jenħtieġ li jiġu kkumplimentati bi programm vigoruż tar-riċerka fil-fużjoni ħalli dan jappoġġa l-

² *Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni: Evalwazzjoni interim tal-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom 2021-2025* (COM(2025) **NNN**, JJ.XX, 2025).

³ Id-Direttiva tal-Kunsill 2011/70/Euratom tad-19 ta' Lulju 2011 li tistabbilixxi qafas Komunitarju għall-ġestjoni responsabbli u sikura ta' fjuwil użat u skart radjuattiv (ĠU L 199, 2.8.2011, p. 48, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2011/70/oj>).

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/198/Euratom tas-27 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi l-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u għall-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni u li tikkonferixxilha l-vantaġġi (ĠU L 90, 30.3.2007, p. 58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2007/198/oj>).

operazzjonijiet futuri tal-ITER u t-tnejn għall-ewwel impjant tal-enerġija mill-fużjoni.

- (10) Billi jappoġġa r-riċerka nukleari, il-Programm Euratom jenħtieġ li jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġettivi ta' Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (“Orizzont Ewropa”) stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁵ u jenħtieġ li dan jiffaċilita l-implimentazzjoni tal-istrateġija Ewropa 2030 u t-tisħiħ taż-żona Ewropea tar-riċerka.
- (11) Il-Programm Euratom jenħtieġ li jistinka għal sinerġiji ma' Orizzont Ewropa u programmi oħra tal-Unjoni, mit-tfassil u l-ippjanar strateġiku tagħhom, tul il-proċess tal-għażla, il-ġestjoni, il-komunikazzjoni, id-disseminazzjoni u l-isfruttar tar-riżultati tal-proġetti, sal-monitoraġġ, l-awditjar u l-governanza.
- (12) L-azzjonijiet tal-Programm Euratom jenħtieġ li jkunu proporzjonati, mingħajr duplikazzjoni jew esklużjoni tal-finanzjament privat, u jenħtieġ li jkollhom valur miżjud Ewropew ċar. Dan se jiżgura l-konsistenza bejn l-azzjonijiet tal-Programm Euratom u r-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat, filwaqt li jevita tfixkil bla bżonn fil-kompetizzjoni fis-suq intern.
- (13) Filwaqt li hi l-għażla individwali ta' kull Stat Membru jekk għandux juża l-enerġija nukleari jew le, hu wkoll rikonoxxut li l-enerġija nukleari taqdi rwoli differenti fi Stati Membri differenti. Il-Programm Euratom se jikkontribwixxi anki biex titħeġġeġ diskussjoni wiesgħa fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha dwar l-oportunitajiet u r-riskji tal-enerġija nukleari.
- (14) Biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' edukazzjoni u taħriġ, il-Programm Euratom jenħtieġ li joffri appoġġ b'kontribuzzjonijiet finanzjarji ħalli r-riċerkaturi fil-qasam nukleari jsiru eliġibbli biex jibbenefikaw mill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) fl-istess livell bħar-riċerkaturi f'oqsma oħra.
- (15) Dan ir-Regolament jistabbilixxi pakkett finanzjarju għall-perjodu kollu tal-Programm Euratom li jrid ikun l-ammont ta' referenza primarja, skont it-tifsira tal-punt 18 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja soda, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali għall-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda⁶, għall-Parlament Ewropew u l-Kunsill tul il-proċedura baġitarja annwali.
- (16) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷ (ir-“Regolament Finanzjarju”) japplika għall-Programm Euratom. Ir-Regolament Finanzjarju jistabbilixxi regoli dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni, inkluż regoli dwar l-għotjiet, il-premijiet, l-akkwist, il-ġestjoni indiretta, l-istrumenti finanzjarji, il-garanziji baġitarji, l-assistenza finanzjarja u r-rimborż għal esperti esterni. Ir-regoli adottati abbażi tal-Artikolu 322 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-

⁵ Ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013 (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/695/oj>).

⁶ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 28, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinst/2020/1222/oj.

⁷ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (riformulazzjoni) (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj>).

Unjoni Ewropea (TFUE) jinkludu wkoll reġim ġenerali tal-kundizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni.

- (17) It-tipi tal-finanzjament u l-metodi tal-implimentazzjoni skont dan ir-Regolament jenħtieġ li jintgħażlu skont l-adegwatezza tagħhom ħalli jintlaħqu l-oġettivi speċifiċi tal-azzjonijiet u jinkisbu r-riżultati, filwaqt li b'mod partikolari jitqiesu l-kostijiet tal-kontrolli, il-piż amministrattiv, u r-riskju mistenni ta' nonkonformità. Għall-għotjiet, jenħtieġ li dan ikun jikkunsidra l-użu ta' somom f'daqqa, rati fissi u kostijiet unitarji.
- (18) Jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari biex tkun żgurata parteċipazzjoni adegwata tal-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) u tas-settur privat b'mod ġenerali. Jenħtieġ li jsiru valutazzjonijiet kwantitattivi u kwalitattivi tal-parteċipazzjoni tal-SMEs bħala parti mill-arranġamenti tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ.
- (19) L-attivitajiet żviluppati tul il-Programm Euratom jenħtieġ li jkollhom l-għan li jxejnu l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jippromwovu l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fir-riċerka u l-innovazzjoni, f'konformità mal-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8 tat-TFUE. Id-dimensjoni tal-ġeneru jenħtieġ li tiġi integrata fir-riċerka u l-innovazzjoni u titħares fl-istadji kollha taċ-ċiklu tar-riċerka.
- (20) Biex tissaħħaħ ir-relazzjoni bejn ix-xjenza u s-soċjetà u tiżdied il-fiduċja pubblika fix-xjenza, il-Programm Euratom jenħtieġ li jiffavorixxi l-involvement infurmat taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili f'materji tar-riċerka u l-innovazzjoni billi jippromwovi l-edukazzjoni xjentifika, jagħmel l-għarfien xjentifiku aktar aċċessibbli, jiżviluppa aġendi responsabbli tar-riċerka u l-innovazzjoni li jissodisfaw it-tħassib u l-aspettattivi taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili, u jiffaċilita l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini u tas-soċjetà ċivili fl-attivitajiet tal-Programm Euratom.
- (21) L-azzjonijiet li jaqgħu fl-ambitu tal-Programm Euratom jenħtieġ li jkunu jirrispettaw id-drittijiet fundamentali u josservaw il-prinċipji rikonoxxuti b'mod partikolari mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (22) Hu importanti li dan jibqa' jiffaċilita l-isfruttar tal-proprjetà intellettuali żviluppata mill-parteċipanti, filwaqt li jħares l-interessi leġittimi ta' parteċipanti oħra u tal-Komunità f'konformità mat-Titolu II, il-Kapitolu 2 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (it-"Trattat Euratom").
- (23) Biex tiżgura l-akbar impatt possibbli tal-finanzjament tal-Euratom, il-Komunità tista', meta xieraq, tikkunsidra Sħubijiet Ewropej ma' sħab mis-settur pubbliku jew privat diment li l-impatt mixtieq ikun jista' jinkiseb b'mod aktar effettiv fi sħubija milli mill-Komunità waħedha, meta mqabbel ma' forum oħra ta' appoġġ tal-Programm Euratom. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jiżgura li sħubijiet bħal dawn ikunu jħaddmu approċċ ta' ċiklu tal-ħajja ċar għas-Sħubijiet Ewropej u jimxu bi proċess trasparenti tal-għażla u tat-teħid tad-deċiżjonijiet f'konformità mal-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/695.
- (24) Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jiġu indirizzati l-oġettivi tal-Programm Euratom bi strumenti finanzjarji u garanziji baġitarji bi programmi bbażati fuq it-TFUE, diment li l-azzjonijiet ikunu konformi mal-oġettivi u r-regoli ta' dawk il-programmi.
- (25) Biex tkun żgurata l-aktar implimentazzjoni effiċjenti possibbli u jinkiseb qafas koerenti, komprensiv u trasparenti għall-benefiċjarji, il-parteċipazzjoni fil-Programm Euratom u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-regoli rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/695, b'ċerti adattamenti jew eċċezzjonijiet. Id-definizzjonijiet rilevanti u t-tipi ewlenin ta' azzjoni stabbiliti f'dak ir-Regolament jenħtieġ li jkunu japplikaw għall-Programm Euratom.

- (26) Il-fond ta' garanzija għall-parteċipanti imwaqqaf f'Orizzont 2020 stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸ u għestit mill-Kummissjoni wera li hu mekkaniżmu ta' salvagwardja importanti li jtaffi r-riskji assoċjati mal-ammonti dovuti u mhux rimborżati mill-parteċipanti inadempjenti. Għalhekk, dan il-mekkaniżmu ta' salvagwardja jenħtieġ li jitkompla. Il-mekkaniżmu ta' assigurazzjoni mutwa stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/695 jenħtieġ li jkopri l-azzjonijiet skont dan ir-Regolament.
- (27) Lill-Unjoni u lill-Istati Membri, iċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (il-“JRC”) jenħtieġ li jissokta jipprovdilhom, kif xieraq, evidenza xjentifika u appoġġ tekniku indipendenti mmexxija mill-klijenti tul iċ-ċiklu tal-politika kollu. L-azzjonijiet diretti tal-JRC jenħtieġ li jiġu implimentati f'mod flessibbli, effiċjenti u trasparenti, filwaqt li jkun jitqiesu l-ħtiġijiet rilevanti tal-utenti tal-JRC u l-ħtiġijiet tal-politiki tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari, u li jiżguraw il-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Skont il-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-26 ta' April 1994 dwar ir-rwol tal-JRC, jenħtieġ li l-JRC ikompli jiġġenera riżorsi addizzjonali b'attivitajiet kompetittivi ta' appoġġ għall-politiki tal-Unjoni jew f'isem partijiet terzi. Il-JRC jenħtieġ li jun jista' jipparteċipa fl-azzjonijiet indiretti, meta l-programm ta' ħidma rilevanti jipprevedi dan.
- (28) F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ u r-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95¹⁰, (Euratom, KE) Nru 2185/96¹¹ u (UE) 2017/1939¹², l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jridu jiġiharsu b'miżuri proporzjonati, fosthom miżuri relatati mal-prevenzjoni, id-detezzjoni, il-korrezzjoni u l-investigazzjoni tal-irregolaritajiet, inkluż frodi, mal-irkupru tal-fondi mitlufa, imħallsa bi żball jew użati ħażin u, meta xieraq, mal-impożizzjoni ta' penali amministrattivi. B'mod partikolari, f'konformità mar-Regolamenti (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (UE, Euratom) Nru 883/2013, l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għandu s-setgħa li jwettaq investigazzjonijiet amministrattivi, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, biex jistabbilixxi jekk hemmx frodi, korruzzjoni jew xi attività illegali oħra li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (l-“UPPE”) għandu s-setgħa, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939, li jinvestiga u jipproċessa reati

⁸ Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1291/oj>).

⁹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Settembru 2013 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u li jħassar ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 1073/1999 u r-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru 1074/1999 (ĠU L 248, 18.9.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/883/oj>).

¹⁰ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea (ĠU L 312, 23.12.95, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1995/2988/oj>).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tippoteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritajiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1996/2185/oj>).

¹² Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplimenta kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (“l-UPPE”) (ĠU L 283, 31.10.2017, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2017/1939/oj>).

kriminali li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni kif previst fid-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹³. F'konformità mar-Regolament Finanzjarju, kull persuna jew entità li tirċievi fondi mingħand l-Unjoni trid tikkooopera bis-sħiħ fil-ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, tagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa lill-Kummissjoni, lill-OLAF, lill-Qorti tal-Awdituri u, fir-rigward ta' dawk l-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa skont ir-Regolament (UE) 2017/1939, lill-UPPE, u tiżgura li kull parti terza involuta fl-implimentazzjoni tal-fondi tal-Unjoni tagħti drittijiet ekwivalenti.

- (29) Il-pajjiżi terzi jistgħu jipparteċipaw abbażi tal-istrumenti legali rispettivi tagħhom. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li tiddaħħal dispożizzjoni speċifika li teżiġi li l-pajjiżi terzi jagħtu d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjali awtorizzanti responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv.
- (30) Biex ikunu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet permezz tal-Programm Euratom u l-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tagħhom, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat tal-implimentazzjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.
- (31) Skont il-paragrafi 22 u 23 tal-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁵, jenħtieġ li l-Programm Euratom jiġi evalwat abbażi tal-informazzjoni miġbura f'konformità ma' rekwiżiti speċifiċi tal-monitoraġġ, filwaqt li jkunu evitati l-piż amministrattiv, b'mod partikolari fuq l-Istati Membri, u regolamentazzjoni żejda. Meta xieraq, dawk ir-rekwiżiti jenħtieġ li jkunu jinkludu indikaturi li jistgħu jitkejlu bħala bażi għall-evalwazzjoni tal-effetti tal-Programm fil-prattika.
- (32) Il-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC, stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom¹⁶, ġie kkonsultat dwar il-kontenut xjentifiku u teknoloġiku tal-azzjonijiet diretti tal-JRC.
- (33) Il-Parlament Ewropew ġie kkonsultat b'mod volontarju u ta opinjoni¹⁷. Anki l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ġie kkonsultat b'mod volontarju u ta opinjoni¹⁸.
- (34) Għal raġunijiet ta' ċertezza legali, ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765¹⁹ għandu jitħassar,

¹³ Id-Direttiva (UE) 2017/1371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2017 dwar il-ġlieda kontra l-frodi tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (ĠU L 198, 28.7.2017, p. 29, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2017/1371/oj>).

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj>).

¹⁵ ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstitut/2016/512/oj.

¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 96/282/Euratom tal-10 ta' April 1996 dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta (ĠU L 107, 30.4.1996, p. 12).

¹⁷ L-Opinjoni ta' DD.MM.2025 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

¹⁸ L-Opinjoni ta' DD.MM.2025 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 tal-10 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi l-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2021-2025 li jikkumplimenta Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, u li jħassar ir-

Kapitolu I

Dispożizzjonijiet Ġenerali

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2027 (il-“Programm Euratom”) u r-regoli għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni f'azzjonijiet indiretti permezz ta' dan il-Programm Euratom, li jikkumplimenta lil Orizzont Ewropa.

Jistabbilixxi l-oġġettivi tal-Programm Euratom, il-baġit għall-perjodu 2026-2027, il-forom tal-inanzjament u r-regoli għall-għoti ta' dan il-finanzjament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet rilevanti stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695. Ir-referenzi f'dawk id-definizzjonijiet għall-Unjoni u għal Orizzont Ewropa għandhom jinftiehem bħala referenzi għall-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika (il-“Komunità”) u għall-Programm Euratom rispettivament. Iżda għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, “programm ta' ħidma” tfisser id-dokument adottat mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.

Ir-referenzi kollha f'dan ir-Regolament għar-Regolament (UE) 2021/695 huma għall-verżjoni fis-seħh fi [OP insert the date of adoption of this Regulation].

Artikolu 3

Oġġettivi tal-programm

1. Bħala oġġettiv ġenerali, il-Programm Euratom għandu jwettaq attivitajiet tar-riċerka u t-taħriġ nukleari, b'enfasi fuq it-titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjażzjoni, kif ukoll jikkumplimenta l-kisba tal-oġġettivi ta' Orizzont Ewropa fost l-oħrajn fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija.
2. Il-Programm Euratom għandu l-oġġettivi speċifiċi li ġejjin:
 - (a) itejjeb u jappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjażzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv, u d-dekummissjonar, inkluż l-użu sikur u sigur tan-nukleari għall-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-radjażzjoni jonizzanti;

- (b) iżomm u jiżviluppa aktar l-għarfien espert u l-kompetenza fil-qasam nukleari fil-Komunità;
 - (c) irawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala sors tal-enerġija potenzjali għall-futur għall-produzzjoni tal-elettriku u jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali Ewropew dwar il-fużjoni;
 - (d) jappoġġa l-politika tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha dwar it-titjib kontinwu tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.
3. L-oġġettivi elenkati fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu implimentati f'konformità mal-Anness I. L-implimentazzjoni ta' daww l-oġġettivi tista', jekk ikun ġustifikat kif xieraq, tinkludi r-reazzjonijiet għall-opportunitajiet emerġenti, il-kriżijiet u t-tbeddid.

Artikolu 4

Baġit

- 1. Il-pakkett finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-Programm Euratom għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2027 għandu jkun ta' EUR 598 346 804 bil-prezzijiet attwali.
- 2. Id-distribuzzjoni indikattiva tal-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tkun:
 - (a) EUR 252 532 225 għall-azzjonijiet indiretti fir-riċerka u l-iżvilupp tal-fużjoni;
 - (b) EUR 115 339 356 għall-azzjonijiet indiretti fil-fissjoni nukleari, is-sikurezza u l-protezzjoni mir-radjażzjoni;
 - (c) EUR 230 475 223 għall-azzjonijiet diretti mwettqa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka.

Il-Kummissjoni ma tistax tiddevja mill-ammont imsemmi fil-punt (c) ta' dan il-paragrafu.

- 3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża wkoll biex ikopri l-ispejjeż għat-tnejn, il-monitoraġġ, il-kontroll, l-awditjar, l-evalwazzjoni u attivitajiet u nefqiet oħra meħtieġa għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, inkluż in-nefqa amministrattiva kollha, u l-evalwazzjoni tal-kisba tal-oġġettivi tiegħu. L-ispejjeż amministrattivi relatati mal-azzjonijiet indiretti ma għandhomx jaqbuż s-6% tal-ammont distribwit lil azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom imsemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 2. Barra minn hekk, l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jkopri wkoll:
 - (a) sa fejn dawn ikunu relatati mal-oġġettivi tal-Programm Euratom, l-ispejjeż relatati mal-istudji, il-laqgħat tal-esperti, u l-azzjonijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni;
 - (b) l-ispejjeż marbuta man-networks tat-teknoloġija tal-informazzjoni li jiffukaw fuq l-ipproċessar u l-iskambju tal-informazzjoni, inkluż għodod korporattivi tat-teknoloġija tal-informazzjoni u assistenza teknika u amministrattiva oħra meħtieġa b'rabta mal-ġestjoni tal-Programm Euratom.
- 4. Jekk ikun meħtieġ, għall-ġestjoni tal-azzjonijiet li ma jkunux tlestew sal-31 ta' Diċembru 2027, l-approprijazzjonijiet jistgħu jiddaħħlu fil-baġit lil hinn mill-2027 biex ikopru l-ispejjeż previsti fil-paragrafu 3.

5. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu fuq aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jiġu diżaggregati f'pagamenti akkont annwali fuq diversi snin.
6. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament Finanzjarju, in-nefqa għall-azzjonijiet li jirriżultaw mill-proġetti, inkluż fl-ewwel programm ta' ħidma tista' tkun eliġibbli mill-1 ta' Jannar 2026.
7. Ir-riżorsi allokat li lill-Istati Membri b'ġestjoni kondiviża jistgħu, meta jintalab mill-Istat Membru kkonċernat, jiġu trasferiti għall-Programm Euratom soġġetti għall-kundizzjonijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²⁰. Il-Kummissjoni għandha timplimenta dawk ir-riżorsi direttament f'konformità mal-punt (a) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju jew indirettament f'konformità mal-punt (c) ta' dak is-subparagrafu. Dawk ir-riżorsi għandhom jintużaw għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat.

Artikolu 5

Pajjiżi terzi assoċjati mal-Programm Euratom

1. Il-Programm Euratom għandu jkun miftuħ għall-assoċjazzjoni ta' dawn il-pajjiżi terzi li ġejjin:
 - (a) il-pajjiżi aderenti, il-pajjiżi kandidati u l-kandidati potenzjali, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi;
 - (b) Il-pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, f'konformità mal-prinċipji ġenerali u t-termini u l-kundizzjonijiet ġenerali għall-parteeipazzjoni ta' dawk il-pajjiżi fil-programmi tal-Komunità stabbiliti fil-ftehimiet qafas rispettivi u fid-deċiżjonijiet tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jew fi ftehimiet simili u f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fi ftehimiet bejn il-Komunità u dawk il-pajjiżi;
 - (c) il-pajjiżi u t-territorji terzi li jissodisfaw il-kriterji kollha li ġejjin:
 - (i) kapaċità tajba fix-xjenza, fit-teknoloġija u fl-innovazzjoni;
 - (ii) impenn favur ekonomija b'suq miftuħ u msejsa fuq ir-regoli, inkluż tħaddim ġust u ekwu tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, bl-appoġġ ta' istituzzjonijiet demokratiċi;
 - (iii) promozzjoni attiva ta' politiki li jtejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali taċ-ċittadini.

²⁰ Ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jstipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1060/oj>).

2. L-assoċjazzjoni mal-Programm Euratom ta' kull wieheda mill-pajjiżi terzi skont il-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tkun f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti fi ftehim speċifiku li jkopri l-parteċipazzjoni tal-pajjiżi terzi f'xi programm tal-Komunità jew tal-Unjoni, diment li l-ftehim:
 - (a) ikun jiżgura bilanċ ġust fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet u l-benefiċċji tal-pajjiżi terzi li jipparteċipa fil-programmi tal-Komunità jew tal-Unjoni;
 - (b) ikun jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tal-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Komunità jew tal-Unjoni, inkluż il-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-programmi individwali u l-kostijiet amministrattivi tagħhom;
 - (c) ma jkunx jikkonferixxi setgħa deċiżjonali lill-pajjiżi terzi fir-rigward tal-Programm Euratom;
 - (d) ikun jiggarantixxi d-drittijiet tal-Unjoni li tkun żgurata ġestjoni finanzjarja soda u li jiżgura l-interessi finanzjarji tal-Unjoni.

Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandhom jikkostitwixxu dħul assenjat f'konformità mal-Artikolu 21(5) tar-Regolament Finanzjarju.
3. L-ambitu tal-assoċjazzjoni ta' kull pajjiżi terzi fil-Programm Euratom għandha tqis l-oġettiv ta' avvanz fit-tkabbir ekonomiku fl-Unjoni permezz tal-innovazzjoni. Għalhekk, ħliet għall-pajjiżi aderenti, għall-pajjiżi kandidati u għall-kandidati potenzjali, xi partijiet tal-Programm Euratom jistgħu jiġu esklużi minn ftehim ta' assoċjazzjoni għal pajjiżi speċifiku.
4. Il-ftehim ta' assoċjazzjoni għandu, meta xieraq, jipprevedi l-parteċipazzjoni reċiproka ta' entitajiet ġuridiċi stabbiliti fl-Unjoni fi programmi ekwivalenti tal-pajjiżi assoċjati f'konformità mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dawk il-programmi.
5. Meta xieraq, il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika ta' kull żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li jirċievu l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiżi assoċjati bil-parteċipazzjoni fil-Programm Euratom, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet għall-ġestjoni, għat-twettiq u għat-tħaddim tal-Programm Euratom.

Artikolu 6

Implimentazzjoni u forum tal-finanzjament

1. Il-Programm Euratom għandu jiġi implimentat b'ġestjoni diretta f'konformità mar-Regolament Finanzjarju jew b'ġestjoni indiretta mill-korpi tal-finanzjament imsemmija fil-punt (c) tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 62(1) tar-Regolament Finanzjarju.
2. Il-finanzjament permezz tal-Programm Euratom jista' jingħata bi kwalunkwe waħda mill-forom stabbiliti fir-Regolament Finanzjarju, iżda l-għotjiet għandhom ikunu l-forma ewlenija ta' appoġġ għall-azzjonijiet indiretti permezz tal-Programm Euratom. Il-finanzjament permezz tal-Programm Euratom jista' jingħata wkoll bi premijijiet, b'seġhiet għall-akkwist u bi strumenti finanzjarji f'operazzjonijiet ta' taħlit.
3. It-tipi ewlenin ta' azzjoni li jridu jintużaw permezz tal-Programm Euratom huma stabbiliti u definiti fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2021/695, fosthom azzjonijiet tar-riċerka u l-innovazzjoni, azzjonijiet tal-innovazzjoni, azzjonijiet tal-innovazzjoni

u l-użu fis-suq, azzjonijiet tat-taħriġ u l-mobbiltà, azzjonijiet ta' kofinanzjament tal-programm, azzjonijiet tal-akkwist prekommerċjali, akkwist pubbliku ta' azzjonijiet ta' soluzzjonijiet innovattivi, azzjonijiet tal-koordinazzjoni u appoġġ, premijiet ta' inċentiv u premijiet ta' rikonoxximent.

Il-forom tal-finanzjament imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jintużaw b'mod flessibbli għall-oġettivi kollha tal-Programm Euratom, u l-użu tagħhom għandu jiġi ddeterminat skont il-ħtiġijiet u l-karatteristiċi tal-oġettivi partikolari.

4. Il-Programm Euratom għandu jappoġġa wkoll azzjonijiet diretti mwettqa mill-JRC.

Artikolu 7

Sħubijiet Ewropej

1. Partijiet mill-Programm Euratom jistgħu jiġu implimentati bi Sħubijiet Ewropej.
2. L-involviment tal-Komunità fis-Sħubijiet Ewropej jista' jieħu kwalunkwe forma minn dawn li ġejjin:
 - (a) parteċipazzjoni fi sħubijiet stabbiliti abbażi ta' memoranda ta' qbil jew arranġamenti kuntrattwali bejn il-Kummissjoni u sħab pubbliċi jew privati, li jkunu jispesifikaw l-oġettivi tas-Sħubija Ewropea, l-impenji relatati ta' kull parti involuta fir-rigward tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura tagħhom, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt, ir-riżultati li jridu jinkisbu u l-arranġamenti tar-rappurtar; dawn jinkludu l-identifikazzjoni ta' attivitajiet kumplementari tar-riċerka u tal-innovazzjoni li jiġu implimentati mis-sħab u mill-Programm Euratom (Sħubijiet Ewropej Koprogrammati);
 - (b) parteċipazzjoni fi programm tal-attivitajiet tar-riċerka u tal-innovazzjoni u l-kontribuzzjoni finanzjarja għalih, li jkun jispesifika l-oġettivi, l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u tal-impatt, u r-riżultati li jridu jinkisbu skont l-impenji tas-sħab rigward il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jew in natura tagħhom u l-integrazzjoni tal-attivitajiet rilevanti tagħhom permezz ta' azzjoni kofinanzjata tal-Programm Euratom (Sħubijiet Ewropej Kofinanzjati).
3. Is-Shubijiet Ewropej għandhom:
 - (a) jiġu stabbiliti meta l-oġettivi tal-Programm Euratom ikunu jintlaħqu b'mod aktar effettiv milli mill-Komunità waħedha, meta mqabbla ma' forom oħra ta' appoġġ permezz tal-Programm Euratom; jallokaw sehem xieraq mill-baġit tal-Programm Euratom għal dawk il-partijiet;
 - (b) jaderixxu mal-prinċipji tal-valur miżjud tal-Unjoni, it-trasparenza u l-ftuħ, u li jħallu impatt fl-Ewropa u għaliha, effett lieva qawwi bi skala suffiċjenti, impenji fit-tul tal-partijiet kollha involuti, flessibbiltà fl-implimentazzjoni, koerenza, koordinazzjoni u kumplementarjetà ma' inizjattivi tal-Unjoni, lokali, reġjonali, nazzjonali u, meta rilevanti, internazzjonali jew Sħubijiet Ewropej oħra;
 - (c) iħaddmu approċċ ċar taċ-ċiklu tal-ħajja, ikunu limitati fiż-żmien u jkunu jinkludu l-kundizzjonijiet għat-tneħħija gradwali tal-finanzjament tal-Programm Euratom.

4. Id-dispożizzjonijiet u l-kriterji tal-għażla, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u t-tneħħija gradwali tas-Sħubijiet Ewropej huma stabbiliti fl-Anness III tar-Regolament (UE) 2021/695.

Artikolu 8

Xjenza Miftuħa

Id-dispożizzjonijiet dwar ix-xjenza miftuħa stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/695 japplikaw għall-Programm Euratom.

Artikolu 9

Azzjonijiet tal-eliġibbiltà u regoli għall-parteeipazzjoni u d-disseminazzjoni tar-riżultati tar-riċerka

1. Għall-finanzjament huma eliġibbli biss l-azzjonijiet li jimplimentaw l-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3.
2. Soġġett għall-paragrafi 3 u 4 ta' dan l-Artikolu, it-Titolu II dwar ir-regoli għall-parteeipazzjoni u d-disseminazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/695 japplika għall-azzjonijiet appoġġati permezz tal-Programm Euratom. Ir-referenzi fir-Regolament (UE) 2021/695 għall-Unjoni u għal Orizzont Ewropa għandhom jinftehimu bħala referenzi għall-Komunità u għall-Programm Euratom, meta xieraq. Ir-referenzi fir-Regolament (UE) 2021/695 għal “regoli tas-sigurtà” għandhom jinftehimu li jinkludu l-interessi tad-difiża tal-Istati Membri skont it-tifsira tal-Artikolu 24 tat-Trattat Euratom.
3. B’deroga mill-Artikolu 40(4) tar-Regolament (UE) 2021/695, id-dritt ta’ oġġezzjoni għat-trasferimenti tas-sjieda tar-riżultati, jew għall-għotjiet ta’ liċenzja esklużiva fir-rigward tar-riżultati, jista’ jestendi għall-għotjiet tal-liċenzji mhux esklużivi.
4. B’deroga mill-Artikolu 41(9) tar-Regolament (UE) 2021/695, benefiċjarju li jkun irċieva finanzjament tal-Komunità għandu jagħti aċċess għar-riżultati tiegħu mingħajr royalties lill-istituzzjonijiet tal-Komunità, lill-korpi tal-finanzjament jew lill-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Enerġija mill-Fużjoni) stabbilita bid-Deċiżjoni 2007/198/Euratom (l-“Impriża Konġunta għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni”), għall-fini tal-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ tal-politiki u tal-programmi tal-Komunità jew l-obbligi skont il-kooperazzjoni internazzjonali ma’ pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali. Dawn id-drittijiet tal-aċċess għandhom jinkludu d-dritt li partijiet terzi jiġu awtorizzati jużaw ir-riżultati fl-akkwist pubbliku u d-dritt ta’ sottoliċenzjar. Id-drittijiet tal-aċċess għandhom ikunu limitati għall-użu mhux kummerċjali u mhux kompetittiv.
5. Il-mekkaniżmu ta’ assigurazzjoni mutwa stabbilit skont ir-Regolament (UE) 2021/695 għandu jkopri r-riskju assoċjat man-nuqqas ta’ rkupru tas-somom dovuti mill-benefiċjarji lill-Kummissjoni jew lill-korpi tal-finanzjament skont dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Finanzjament kumulattiv, alternattiv u kkombinat

1. Il-Programm Euratom għandu jiġi implimentat f'sinerġija ma' Orizzont Ewropa u ma' programmi oħra tal-Unjoni.
2. Biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Programm Euratom u biex jingħelbu sfidi komuni għall-Programm Euratom u għal Orizzont Ewropa, l-attivitajiet li jkopru l-oġġettivi stabbiliti fil-Programm Euratom jew li jimplimentaw Orizzont Ewropa, jew it-tnejn li huma, jistgħu jibbenefikaw mill-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Komunità, soġġetti għall-Artikolu 9. B'mod partikolari, il-Programm Euratom jista' jipprovdi kontribuzzjoni finanzjarja lill-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie (MSCA) biex jappoġġa attivitajiet rilevanti tar-riċerka nukleari.
3. Azzjoni li tkun irċeviet kontribuzzjoni mingħand programm tal-Unjoni ieħor tista' tirċievi wkoll kontribuzzjoni permezz tal-Programm Euratom, diment li l-kontribuzzjonijiet ma jkunux ikopru l-istess kostijiet. Ir-regoli tal-programm rilevanti għandhom japplikaw għall-kontribuzzjoni korrispondenti għall-azzjoni. Il-finanzjament kumulattiv ma għandux jaqbeż il-kostijiet eliġibbli totali tal-azzjoni. L-appoġġ mill-programmi differenti jista' jiġi kkalkulat b'mod pro rata f'konformità mad-dokumenti li jistabbilixxu l-kundizzjonijiet tal-appoġġ.
4. L-azzjonijiet jistgħu jirċievu appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġionali jew mill-Fond Soċjali Ewropew Plus f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) 2021/1060 meta jkunu ngħataw it-tikketta ta' Siġill ta' Eċċellenza skont il-Programm Euratom minħabba l-konformità mal-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:
 - (a) ikunu ġew ivvalutati f'sejħa għall-proposti permezz tal-Programm Euratom;
 - (b) ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi tal-kwalità ta' dik is-sejħa għall-proposti;
 - (c) ma jkunux jistgħu jiġu ffinanzjati minn dik is-sejħa għall-proposti minħabba limitazzjonijiet baġitarji.

Kapitolu II

Programmazzjoni, monitoraġġ, evalwazzjoni u kontroll

Artikolu 11

Programmi ta' ħidma

1. L-azzjonijiet indiretti tal-Programm Euratom għandhom jiġu implimentati skont programmi ta' ħidma kif imsemmi fl-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju. Il-programmi ta' ħidma għandhom jistabbilixxu, meta applikabbli, l-ammont ġenerali riżervat għall-operazzjonijiet ta' taħlit. Il-Kummissjoni għandha tadotta programmi ta' ħidma permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmiya fl-Artikolu 16(4).
2. Minbarra r-rekwiżiti tal-Artikolu 110 tar-Regolament Finanzjarju, il-programmi ta' ħidma għandhom jinkludu dan li ġej, kif xieraq:
 - (a) indikazzjoni tal-ammont allokat għal kull azzjoni u skeda indikattiva tal-implimentazzjoni;

- (b) għall-għotjiet, il-prijoritajiet, il-kriterji tal-għażla u tal-għoti, il-piż relattiv tal-kriterji differenti tal-għoti u r-rata massima tal-finanzjament għall-kostijiet eliġibbli totali;
 - (c) kull obbligu addizzjonali fuq il-benefiċjarji, f'konformità mal-Artikoli 39 u 41 tar-Regolament (UE) 2021/695;
 - (d) approċċ pluriennali u orjentazzjonijiet strateġiċi għas-snin ta' implimentazzjoni ta' wara.
3. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm ta' ħidma pluriennali fuq l-azzjonijiet diretti mwettqa mill-JRC skont id-Deċiżjoni 96/282/Euratom.

Artikolu 12

Monitoraġġ u rappurtar

1. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja b'mod kontinwu l-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom. Biex tiżdied it-trasparenza, dik id-data għandha tkun disponibbli għall-pubbliku b'mod aċċessibbli fuq il-paġna web tal-Kummissjoni skont l-aħħar aġġornament ta' dik id-data.

L-indikaturi biex isir rappurtar annwali dwar il-progress tal-Programm Euratom favur il-kisba tal-oġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3 huma stipulati fl-Anness II tul id-direzzjonijiet tal-impatt.
2. Biex tkun żgurata l-valutazzjoni effettiva tal-progress tal-Programm Euratom favur il-kisba tal-oġettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-qafas tal-monitoraġġ u tal-evalwazzjoni, b'mod partikolari billi tistabbilixxi linji bażi u miri f'konformità mal-Anness II. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva skont l-Artikolu 16(3).
3. Is-sistema tar-rappurtar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-data għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-Programm Euratom tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv u fil-ħin mingħajr ma jiżdied il-piż amministrattiv fuq il-benefiċjarji. Għal dak il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti tar-rappurtar proporzjonati fuq ir-riċevituri tal-fondi tal-Komunità u, meta xieraq, fuq l-Istati Membri.

Artikolu 13

Informazzjoni, komunikazzjoni, pubbliċità u disseminazzjoni u sfruttar

1. Dawk li jirċievu finanzjament permezz tal-Programm Euratom għandhom jirrikonoxxu l-oriġini ta' dawk il-fondi u jiżguraw il-viżibbiltà tal-finanzjament tal-Komunità, b'mod partikolari meta jippromwovu l-azzjonijiet u r-riżultati tagħhom, billi jipprovdu informazzjoni mmirata koerenti, effettiva u proporzjonata lid-diversi udjenzi, inkluż lill-midja u lill-pubbliku.
2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni relatati mal-Programm Euratom, ma' azzjonijiet permezz tal-Programm Euratom u mar-riżultati miksuba. Barra minn hekk, għandha tippovdi informazzjoni dettaljata u fil-ħin lill-Istati Membri u lill-benefiċjarji. L-entitajiet

interessati għandhom jingħataw servizzi tat-tlaqqiġ ibbażati fuq l-evidenza u infurmati mill-analitika u l-affinitajiet tan-network, biex jiffurmaw konsorzji għal proġetti kollaborattivi, b'attenzjoni partikolari għall-identifikazzjoni ta' opportunitajiet tan-networking għall-entitajiet legali minn Stati Membri bi prestazzjoni baxxa fir-riċerka u fl-innovazzjoni. Abbażi ta' dawn din l-analiżi, jistgħu jiġu organizzati avvenimenti mmirati tat-tlaqqiġ li jservu bħala sejħiet speċifiċi għal proposti.

3. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi wkoll strateġija tad-disseminazzjoni u tal-isfruttar biex iżżid id-disponibbiltà u d-diffużjoni tar-risultati u l-għarfien tar-riċerka u tal-innovazzjoni tal-Programm Euratom ħalli l-isfruttar għall-adozzjoni mis-suq u tqawwi l-impatt tal-Programm Euratom.
4. Ir-risorsi finanzjarji allokat i għall-Programm Euratom għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva tal-prijoritajiet politiċi tal-Komunità kif ukoll għall-attivitajiet tal-informazzjoni, tal-komunikazzjoni, tal-pubbliċità, tad-disseminazzjoni u tal-isfruttar, diment li dawn ikunu relatati mal-oġettivi msemmija fl-Artikolu 3.

Artikolu 14

Evalwazzjoni

1. L-evalwazzjonijiet tal-Programm Euratom għandhom isiru fil-ħin ħalli jinfurmaw il-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-Programm Euratom, is-suċċessur tiegħu u inizjattivi oħra rilevanti għar-riċerka u l-innovazzjoni.
2. Fi tmiem l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, iżda mhux aktar tard minn erba' snin minn tmiem il-perjodu speċifikat fl-Artikolu 1, il-Kummissjoni bl-għajjnuna ta' esperti indipendenti magħżula bi proċess trasparenti għandha tagħmel evalwazzjoni finali tal-Programm Euratom u tal-Programm stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765. Din għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt fit-tul tal-Programmi preċedenti tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom u l-effettività, l-effiċjenza, ir-rilevanza, il-koerenza u l-valur miżjud tal-Komunità tal-Programm Euratom.
4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u tikkomunika l-konklużjonijiet tal-evalwazzjonijiet flimkien mal-osservazzjonijiet tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni.

Artikolu 15

Awditjar

1. Is-sistema tal-kontroll għall-Programm Euratom għandha tiżgura bilanċ xieraq bejn il-fiduċja u l-kontroll, filwaqt li tqis il-kostijiet amministrattivi u kostijiet oħra tal-kontrolli fil-livelli kollha, speċjalment għall-benefiċjarji. Ir-regoli tal-awditjar għandhom ikunu ċari, konsistenti u koerenti tul il-Programm Euratom kollu.
2. L-azzjonijiet li jirċievu finanzjament konġunt mingħand programmi differenti tal-Unjoni għandhom jiġu awditjati darba biss, b'mod li jkunu koperti l-programmi kollha involuti u r-regoli applikabbli rispettivi tagħhom.

3. Barra minn hekk, il-Kummissjoni jew il-korp tal-finanzjament rilevanti jistgħu jistrieħu fuq rieżamijiet ikkombinati tas-sistemi fil-livell tal-benefiċjarji. Dawk ir-ieżamijiet ikkombinati għandhom ikunu fakultattivi għal ċerti tipi ta' benefiċjarji u għandhom jikkonsistu f'awditjar tas-sistemi u tal-proċessi li jkun ikkumplimentat minn awditjar tat-tranżazzjonijiet. Dan l-awditjar tat-tranżazzjonijiet għandu jagħmlu awditur indipendenti kompetenti li jkun ikkwalfikat biex jagħmel awditjar statutorju tad-dokumenti tal-kontabbiltà f'konformità mad-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill²¹. L-awditjar tas-sistema u tal-proċessi jistgħu jużawh il-Kummissjoni jew il-korp tal-finanzjament rilevanti biex jiddeterminaw l-assigurazzjoni ġenerali tal-ġestjoni finanzjarja soda tan-nefqa u għal rikunsiderazzjoni tal-livell tal-awditjar u ċ-ċertifikati *ex post* dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji.
4. Skont l-Artikolu 127 tar-Regolament Finanzjarju, il-Kummissjoni jew il-korp tal-finanzjament jistgħu jistrieħu fuq awditjar dwar l-użu tal-kontribuzzjonijiet tal-Komunità li jkunu għamlu persuni jew entitajiet oħra indipendenti u kompetenti, inkluż oħrajn li ma jkunux tqabbd u mill-istituzzjonijiet jew mill-korpi tal-Unjoni.
5. L-awditjaw jista' jsir sa sentejn wara l-pagament tal-bilanċ.
6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika linji gwida tal-awditjar biex tiżgura applikazzjoni u interpretazzjoni affidabbli u uniformi tal-proċeduri u r-regoli tal-awditjar tul il-perjodu tal-Programm Euratom.

Artikolu 16

Proċedura ta' Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat skont it-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Il-Kumitat għandu jiltaqa' f'żewġ konfigurazzjonijiet differenti, li jittrattaw rispettivament l-aspetti relatati mal-fissjoni u l-aspetti relatati mal-fużjoni tal-Programm Euratom.

Biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-Programm Euratom, għal kull laqgħa tal-Kumitat kif definit fl-aġenda, il-Kummissjoni se tirrimborża l-ispejjeż ta' rappreżentant wieħed għal kull Stat Membru, u ta' espert jew konsulent wieħed għal kull Stat Membru għal daww il-punti fuq l-aġenda li għalihom Stat Membru ikun jeħtieġ għarfien espert speċifiku, f'konformità mal-linji gwida stabbiliti tal-Kummissjoni.
3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
5. Meta l-opinjoni tal-Kumitat tkun trid tinkiseb bi proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta l-president tal-Kumitat jiddeċiedi

²¹ Id-Direttiva 2006/43/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 2006 dwar il-verifiki statutorji tal-kontijiet annwali u tal-kontijiet konsolidati, li temenda d-Direttivi tal-Kunsill 78/660/KEE u 83/349/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 84/253/KEE (ĠU L 157, 9.6.2006, p. 87, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2006/43/oj>).

hekk jew meta maġġoranza sempliċi tal-membri tal-Kumitat titlob dan sal-limitu taż-żmien għall-ġoti tal-opinjoni.

6. Il-Kummissjoni għandha tinforma regolarment lill-Kumitat dwar il-progress ġenerali tal-implimentazzjoni tal-Programm Euratom u għandha ttipprovdi informazzjoni fil-ħin lill-Kumitat dwar l-azzjonijiet kollha proposti jew iffinanzjati permezz tal-Programm Euratom.

Artikolu 17

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

Meta pajjiż terz jipparteċipa fil-Programm Euratom b'deċiżjoni adottata skont ftehim internazzjonali jew skont xi strument legali ieħor, il-pajjiż terz għandu jagħti d-drittijiet u l-aċċess meħtieġa biex l-uffiċjal tal-awtorizzazzjoni responsabbli, l-OLAF u l-Qorti tal-Awdituri jeżerċitaw il-kompetenzi rispettivi tagħhom b'mod komprensiv. Fil-każ tal-OLAF, dawn id-drittijiet għandhom jinkludu d-dritt li jsiru investigazzjonijiet, inkluż kontrolli u spezzjonijiet fuq il-post, kif previst fir-Regolament (UE, Euratom) Nru 883/2013.

Kapitolu III

Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali

Artikolu 18

Revoka

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 huwa mħassar b'effett mill-1 ta' Jannar 2026.

Artikolu 19

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. Dan ir-Regolament m'għandux jaffettwa l-kontinwazzjoni jew il-modifika tal-azzjonijiet mibdija skont ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765, li għandu jibqa' japplika għal daww l-azzjonijiet sal-għeluq tagħhom.
2. Meta meħtieġ, kwalunkwe kompitu pendenti tal-Kumitat stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765 għandu jagħmlu l-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament.
3. Il-pakkett finanzjarju tal-Programm Euratom jista' jkopri wkoll l-ispejjeż tal-assistenza teknika u amministrattiva meħtieġa biex tkun żgurata t-tranżizzjoni bejn il-Programm Euratom u l-miżuri adottati skont ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765.

Artikolu 20

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

1.3. Obiettivi

1.3.1. Obiettivi ġenerali

1.3.2. Obiettivi speċifiċi

1.3.3. Riżultati u impatt mistennija

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

1.4. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fl-immedjat jew aktar fit-tul, inkluż kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva

1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku b'mod ieħor kien jinholq mill-Istati Membri waħedhom.

1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi

1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra

1.5.5. Valutazzjoni tal-alternattivi differenti tal-finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni

1.6. Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva

1.7. Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

2.2. Sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-modi tal-ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet tal-pagament u tal-istrateġija tal-kontroll proposta

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistemi tal-kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom

2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

- 3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati**
- 3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet**
 - 3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat*
 - 3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali*
 - 3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*
 - 3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*
 - 3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*
 - 3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*
- 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**
- 4. DIMENSJONIJIET DIĠITALI**
 - 4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali**
 - 4.2. Data**
 - 4.3. Soluzzjonijiet diġitali**
 - 4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà**
 - 4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali**

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titlu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal Regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika għall-perjodu 2026-2027 li jikkomplementa Orizzont Ewropa – il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) 2021/765.

1.2. Oqsma ta' politika kkonċernati

01.03 Il-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. *Objettivi ġenerali*

Li jwettaq attivitajiet tar-riċerka u t-taħriġ nukleari, b'enfasi fuq it-titjib kontinwu tas-sikurezza nukleari, is-sigurtà u l-protezzjoni mir-radjazzjoni, u biex jikkomplementa l-objettivi li kiseb Orizzont Ewropa, pereżempju, fil-kuntest tat-tranżizzjoni tal-enerġija. Ara l-Artikolu 3(1) tar-regolament propost.

1.3.2. *Objettivi speċifiċi*

L-Artikolu 3(2) tar-Regolament propost jistabbilixxi l-objettivi speċifiċi li:

- itejjeb u jappoġġa s-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-protezzjoni mir-radjazzjoni, il-ġestjoni sikura tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv u d-dekummissjonar, inkluż l-użu sikur u sigur tan-nukleari għall-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-radjazzjoni jonizzanti;
- iżomm u jiżviluppa aktar għarfien espert u kompetenza fil-qasam nukleari fil-Komunità;
- irawwem l-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni bħala sors potenzjali futur tal-enerġija għall-produzzjoni tal-elettriku u li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan Direzzjonali Ewropew dwar il-Fużjoni;
- jappoġġa l-politika tal-UE u tal-Istati Membri tagħha dwar it-titjib kontinwu tas-sikurezza, is-salvagwardji u s-sigurtà nukleari.

1.3.3. *Riżultati u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Ir-riżultati tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-Euratom se jgħinu biex jiġu indirizzati l-isfidi li ġejjin:

- It-titjib fis-sikurezza nukleari: Ir-riċerka ffinanzjata mill-Euratom se tgħin biex: (i) jittejjbu d-disinji għall-NPPs futuri (inkluż l-SMRs); (ii) jissawru l-modifiki retroattivi tal-karatteristiċi tas-sikurezza fl-NPPs eżistenti; u (iii) jinħolqu għodod, metodi u gwida għall-operaturi tal-NPP u għall-awtoritajiet tas-sikurezza biex jimmonitorjaw is-sikurezza tal-installazzjonijiet nukleari.
- Il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv: is-sħubija Ewropea EURAD-2 kofinanzjata mill-Euratom se tappoġġa: (i) l-iżvilupp tal-każijiet għas-sikurezza għall-ħżin ġeoloġiku fil-fond tal-iskart ta' livell medju u għoli; (ii) l-operazzjoni u s-sorveljanza ta' faċilitajiet ġeoloġiċi fil-fond; (iii) l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet

- sikuri għall-ħżin ta' qabel ir-rimi u *interim* tal-iskart; u (iv) it-tmexxija tal-għarfien u l-kondiviżjoni tal-aqwa Prattiki bejn l-Istati Membri.
- Applikazzjonijiet u protezzjoni mir-radjazzjoni ir-riċerka se: (i) ittejjeb il-fehim tal-impatt tar-radjazzjoni b'doża baxxa fuq is-saħħa pubblika; (ii) ittejjeb l-iżvilupp tal-applikazzjonijiet mediċi tar-radjazzjoni jonizzanti biex tavvanza, b'mod partikolari, it-trattament tal-pazjenti billi tottimizza t-terapija diġà użati fil-kliniki u tappoġġa l-adozzjoni ta' tekniki ġodda li għadhom qed jiġu żviluppati; u (iii) tappoġġa l-iżvilupp ta' applikazzjonijiet tar-radjazzjoni jonizzanti f'oqsma oħra, bħall-ispazju, l-industrija, il-monitoraġġ ambjentali u l-ekonomija ċirkolari.
 - Għarfien espert u kompetenza fil-qasam nukleari fil-Komunità: L-azzjonijiet iffinanzjati mill-Euratom se jkunu maħsuba biex jappoġġaw il-mobbiltà tar-riċerkaturi u jtejjbu d-disponibbiltà tar-reatturi tar-riċerka u faċilitajiet oħra tar-riċerka nukleari. Azzjonijiet u attivitajiet speċifiċi tat-taħriġ fi proġetti oħra tal-Euratom se jgħinu biex jinżammu l-ħiliet fil-qasam nukleari fl-Ewropa.
 - Fl-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni, il-Programm Euratom se jkollu l-għan li: (i) javvanza l-fehim tal-istat tal-plażma u l-interazzjonijiet tagħha mal-ambjent ta' madwarha biex jinfirxu s-sisien xjentifiċi meħtieġa biex jinholq sors ta' enerġija mill-fużjoni; (ii) iħejji pjan direzzjonali teknoloġiku li jidentifika fid-dettall il-ħtiġijiet ewlenin tar-riċerka u l-innovazzjoni, b'riżultati tanġibbli ċari u kif dawn jirrelataw mad-disinn, il-kostruzzjoni u l-operazzjoni tal-impjant tal-enerġija mill-fużjoni u l-kummerċjalizzazzjoni sussegwenti tiegħu; (iii) jappoġġa l-iżvilupp ta' teknoloġiji kritiċi tal-impjanti tal-enerġija mill-fużjoni, bħall-kalamiti superkonduktivni ta' temperatura għolja, il-kunċetti ġenerali, il-materjali funzjonali, il-materjali li jinteraġixxu mal-plażma, u l-ipproċessar tat-tritju; u (iv) itemm id-disinn kunċettwali għal impjant tal-enerġija mill-fużjoni, b'enfasi fuq il-mitigazzjoni tar-riskji ewlenin.

1.3.4. Indikaturi tal-prestazzjoni

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

L-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni tal-Programm huma inklużi fl-Anness II tal-proposta. Il-Programm Euratom mistenni jappoġġa l-progress: (i) fl-għarfien għat-tisħiħ tas-sikurezza u s-sigurtà nukleari; (ii) fl-applikazzjonijiet sikuri tar-radjazzjoni jonizzanti; (iii) fil-ġestjoni tal-fjuwil użat u tal-iskart radjuattiv; (iv) fil-protezzjoni mir-radjazzjoni; u (v) fl-iżvilupp tal-enerġija mill-fużjoni. Il-progress f'dawk l-oqsma se jitkejjel b'indikaturi għal: (i) pubblikazzjonijiet xjentifiċi; (ii) il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan direzzjonali dwar il-fużjoni; (iii) it-taħriġ u l-appoġġ għas-sigurtà u s-salvagwardji nukleari; (iv) l-iżvilupp tal-għarfien espert u l-ħiliet; u (v) l-aċċess għall-infrastrutturi tar-riċerka.

1.4. Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':

- ☐ azzjoni ġdida
- ☐ azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja¹
- ☒ l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- ☐ fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

¹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżiti li jridu jiġu ssodisfati fl-immedjat jew aktar fit-tul, inkluż kronoloġija dettalljata għat-tneġġja tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-użu tal-applikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni tal-enerġija u mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija min-nukleari jeħtieġ sforz kontinwu biex jonqsu r-riskji għas-sikurezza u s-sigurtà u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' teknoloġiji nukleari sikuri u siguri u l-aqwa protezzjoni mir-radjażzjoni. L-għadd dejjem akbar ta' applikazzjonijiet differenti tar-radjażzjoni jonizzanti jfisser li n-nies u l-ambjent jeħtieġ jitħarsu mill-esponiment bla bżonn għar-radjażzjoni. It-teknoloġiji tar-radjażzjoni jonizzanti jintużaw kuljum fl-Ewropa f'għadd ta' oqsma, bħas-saħħa, l-industrija u r-riċerka, u jipprovdu benefiċċji sinifikanti għall-popolazzjoni u l-ekonomija tal-UE.

Ir-riċerka pubblika u privata fl-Istati Membri tista' tikkontribwixxi ferm biex jinkisbu dawk il-benefiċċji, u l-kompitu tal-Euratom hu li tikkumplementa l-isforzi nazzjonali billi twettaq programm tar-riċerka u t-taħriġ ibbażat fil-Komunità.

Ir-riċerka appoġġata mill-Euratom għandha tgħin lill-Istati Membri u lill-industrija jissodisfaw ir-rekwiżiti tat-Trattat Euratom u tad-direttivi tal-Euratom dwar is-sikurezza nukleari, l-istandards bażiċi tas-sikurezza u l-ġestjoni tal-iskart radjuattiv. Għandha tappoġġa wkoll ir-rekwiżiti tas-salvagwardji tal-Euratom mill-Kapitolu 7 tat-Trattat Euratom u r-regolament relatat.

Biex jaqbel mal-perjodu ta' Orizzont Ewropa u tal-QFP, il-Programm propost se jiġi implimentat f'konformità mal-Artikolu 7 tat-Trattat Euratom għal sentejn (mill-bidu tal-2026 sa tmiem l-2027).

Il-programm propost se jkompli l-attivitajiet tar-riċerka ewlenin tal-Programm 2021-2025 dwar is-sikurezza, is-sigurtà u s-salvagwardji nukleari, il-ġestjoni tal-iskart u l-protezzjoni mir-radjażzjoni, u l-enerġija mill-fużjoni.

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-“valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni” huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku b'mod ieħor kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Permezz tar-riċerka kooperattiva, il-Programm jippermetti approċċ għall-UE kollha biex: (i) jissaħħu s-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjażzjoni fl-oqsma kollha ta' applikazzjoni; u (ii) jiġi sfidat l-iżvilupp tal-fużjoni bħala sors tal-enerġija. Il-programm iżid ferm il-kapaċità tal-UE li timmobilizza akkomunament akbar ta' eċċellenza, għarfien espert u multidixxiplinarjetà fir-riċerka nukleari, filwaqt li tikseb impatti li jmorru ferm lil hinn minn dak li seta' jinkiseb fil-livell nazzjonali jew reġjonali. Dan hu ta' ġid partikolari għall-Istati Membri ż-żgħar, li jistgħu jieħdu vantaġġ mill-ekonomiji ta' skala li jinkisbu b'dan l-akkomunament mill-Ewropa kollha u l-aċċess miftuħ għall-faċilitajiet tal-JRC.

Permezz tal-JRC, il-Programm jipprovdi parir xjentifiku indipendenti siewi li jappoġġa l-implimentazzjoni tal-politiki tal-UE fil-qasam tas-sikurezza nukleari, il-ġestjoni tal-iskart radjuattiv, il-protezzjoni mir-radjażzjoni, is-sigurtà nukleari, is-salvagwardji u n-nonproliferażzjoni. Bl-infrastruttura u l-laboratorji uniċi tal-JRC, dan jista' jaqdi rwol kruċjali fl-avvanz tar-riċerka nukleari u jiftaħ bibien uniċi ta' taħriġ fl-UE.

1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Is-sejbiet tal-evalwazzjoni *ex post* tal-Programm Euratom 2014-2020 u l-evalwazzjoni *interim* tal-Programm 2021-2025 tqiesu waqt it-tnejn ta' din il-proposta.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-baġit tal-Programm kien diġà stabbilit fil-QFP 2021-2027.

Is-sinerġiji ma' programmi oħra tal-UE (b'mod partikolari Orizzont Ewropa) huma previsti fl-Artikolu 10 tar-regolament propost. L-Anness IV tar-Regolament ta' Orizzont Ewropa fih dispożizzjonijiet li jippromwovu sinerġiji mal-Programm Euratom u li jiffukaw fuq azzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fuq riċerka konġunta għal aspetti trażversali tal-użu sikur u sigur tal-applikazzjonijiet mhux tal-ġenerazzjoni tal-enerġija mir-radjazzjoni jonizzanti f'setturi bħall-mediċina, l-industrija, l-agrikoltura, l-ispazju, it-tibdil fil-klima, is-sigurtà u t-tnejn f'każ ta' emerġenza, u l-kontribut tax-xjenza nukleari.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-alternattivi differenti tal-finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għal riallokazzjoni*

Finanzjament addizzjonali jista' jasal bl-assoċjazzjoni ta' pajjiżi terzi mal-Programm Euratom. Il-Kummissjoni qed tikkunsidra wkoll li tapplika l-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju (l-użu mill-ġdid ta' diżimpenji) għall-fondi tal-Programm Euratom 2014-2020 li ġew impenjati għal InnovFin (il-predeċessur ta' InvestEU) u li ma setgħux jintużaw mill-BEI minħabba nuqqas ta' proposti bankabbli. Bl-irkupru tal-EUR 20 miljun (daqs 8% tal-baġit attwali għall-fissjoni tal-Programm 2021-2025), il-Euratom tkun tista' tħalli impatt fuq sfidi ġodda fil-qasam nukleari.

1.6. **Tul u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☒ **tul limitat**

- ☒ b'effett mill-1 ta' Jannar 2026 sal-31 ta' Diċembru 2027
- ☒ Impatt finanzjarju mill-2026 sal-2027 għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u mill-2026 sal-2030 għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

☐ **tul mhux limitat**

- implimentazzjoni b'perjodu ta' bidu tat-tħaddim minn SSSS sa SSSS,
- u mbagħad operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanati²**

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

- ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;
- ☐ mill-aġenziji eżekuttivi.

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

²

Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BUDGpedia: <https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx>.

- ☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni tal-baġit:
- ☐ pajjiżi terzi jew korpi maħtura minnhom;
 - ☐ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);
 - ☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investment;
 - ☐ korpi msemija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;
 - ☐ korpi tal-liġi pubblika;
 - ☐ korpi regolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jiġu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati;
 - ☒ korpi regolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika privata u li jiġu pprovduti garanziji finanzjarji adegwati;
 - ☐ persuni jew korpi fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.
 - *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod tal-ġestjoni wieħed, ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Kummissjoni se timplimenta l-Programm b'ġestjoni diretta u ġestjoni indiretta mis-Sħubijiet Ewropej (ara l-Artikolu 6(1) tal-proposta). Uħud mis-sħubijiet kofinanzjati mill-Euratom se jimplimentaw il-finanzjament b'sejħiet għall-proposti kaskati.

2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

2.1. Regoli tal-monitoraġġ u tar-rappurtar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Se tinġabar u tinħażen id-data kollha dwar il-proċessi tal-ġestjoni (l-applikazzjonijiet, ir-rati ta' suċċess, iż-żmien għall-għoti, it-tip ta' benefiċjarji, eċċ.) u ssir disponibbli fil-ħin reali fuq bażi tad-data apposta.

Ir-rapporti se jipprovdu informazzjoni dwar il-proċessi tal-ġestjoni u, progressivament, informazzjoni dwar l-outputs u r-riżultati. Se ssir evalwazzjoni finali konġunta ta' dan il-Programm u tal-Programm 2021-2025

Ġew stabbiliti indikaturi għall-immedjat, għal żmien medju u aktar fit-tul abbażi ta' għadd ta' direzzjonijiet tal-impatt. Ir-regoli tar-rappurtar għall-parteċipanti tfasslu b'mod li tqisu daww l-indikaturi, u fl-istess ħin ġie limitat il-piż amministrattiv fuq il-parteċipanti. Kull fejn possibbli, id-data se tinġabar mingħand sorsi miftuħa.

Barra minn hekk, l-azzjonijiet diretti tal-JRC huma vvalutati internament b'monitoraġġ intern u valutazzjoni tal-impatt tar-riċerka, u esternament minn panel ta' esperti tal-ogħla livell magħżul b'konsultazzjoni mal-Bord tal-Gvernaturi tal-JRC.

2.2. Sistemi tal-ġestjoni u tal-kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-modi tal-ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet tal-pagament u tal-istrateġija tal-kontroll proposta

Il-Programm Euratom se jiġi implimentat b'ġestjoni diretta. Iżda l-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, meta xieraq u effettiv, li timplimenta l-attivitajiet tal-Euratom b'ġestjoni kondiviża u/jew indiretta (bi Sħubijiet Ewropej).

L-istrateġija tal-kontroll se tkun ibbażata fuq:

- il-proċeduri biex jintgħażlu l-aqwa proġetti u jinbidlu fi strumenti legali;
- il-ġestjoni tal-proġetti u tal-kuntratti tul il-ħajja ta' kull proġett;
- kontrolli *ex ante* fuq it-talbiet kollha;
- ċertifikati dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji li jaqbu żertu limitu;
- awditjar *ex post* fuq kampjun ta' talbiet imħallsa;
- evalwazzjoni xjentifika tar-riżultati tal-proġetti.

L-awditjar ta' Orizzont 2020 (inkluż il-Programm Euratom) jindika li r-rati tal-erruri baqgħu ferm fil-medda mistennija (ara t-Taqsima 2.2.2). Dan juri li, anki jekk għad hemm lok għal aktar titjib, il-miżuri tas-simplifikazzjoni diġà introdotti kienu effettivi.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistemi tal-kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

Il-mudell bażiku tal-finanzjament s'issa kien jikkonsisti fir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli. Kif indikat b'mod konsistenti l-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-aktar riċenti fir-rapport annwali tagħha tal-2016, "ir-riskju prinċipali għar-regolarità tat-tranżazzjonijiet hu li l-benefiċjarji jiddikjaraw spejjeż ineliġibbli, li la jinqabdu u lanqas ma jiġu kkoreġuti qabel ir-rimborż. Dan ir-riskju hu partikolarment għoli għas-Seba' Programm Kwadru, li għandu regoli tal-eliġibbiltà kumplessi li spiss jiġu interpretati ħażin mill-benefiċjarji (speċjalment dawk li huma inqas familjari mar-regoli, bħall-SME, il-parteċipanti tal-ewwel darba u entitajiet li mhumieq tal-UE)."

Il-Qorti rrikonoxxiet il-valur tas-simplifikazzjonijiet introdotti f'Orizzont 2020 (u għalhekk ukoll għall-Programm Euratom 2014-2020). Fir-rapport annwali tagħha tal-2016, iżda rrakkomandat li jinfirex iżjed l-użu tal-alternattivi ta' kostijiet simplifikati (SCOs). SCOs bħal dawn diġà jintużaw f'partijiet tal-Programm, jew għal tipi speċifiċi ta' nefqiet.

Għall-għotjiet, ir-rata tal-errur rappreżentattiva stmata għas-Seba' Programm Kwadru (inkluż il-Euratom) kienet 5%, b'rata tal-errur "residwi" ta' madwar 3%, wara li tqiesu l-irkupri u l-korrezzjonijiet kollha implimentati jew li se jiġu implimentati. Iżda r-rati tal-errur kienu inqas fil-partijiet tal-programm li setgħu jużaw SCOs b'mod aktar wiesa' u/jew meta kien involut grupp żgħir u stabbli ta' benefiċjarji.

Ir-riżultati ta' Orizzont 2020 (inkluż il-Programm Euratom) jissuġġerixxu rata tal-errur rappreżentattiva ta' madwar 3%, b'rata tal-errur residwu inqas minn 2.5%. Iżda tajjeb jiġi nnotat li din hi stima bikrija li jeħtieġ tintuża bil-kawtela, u li aktarx tiżdied forsi għal madwar 3-4%. (Il-livell tal-errur antiċipat mill-Kummissjoni għall-proposta ta' Orizzont 2020 u tal-proposta tal-Euratom 2014-2018 tagħha kien 3.5 %, iżda dan ma qiesx id-diversi kumplessitajiet ulterjuri miżjuda tul il-proċess leġiżlattiv). Ir-rata tal-errur residwi għandha tibqa' ftit inqas minn 3% iżda għadu kmieni wisq biex wieħed jiddetermina jekk hix se tintlaħaq rata ta' 2%.

Xi erruri jinħolqu għax il-benefiċjarji ma jkunux fehm u r-regoli. Erruri bħal dawn jistgħu jiġu indirizzati bis-simplifikazzjoni, iżda dejjem tibqa' xi kumplessità. Erruri oħra jinħolqu għax il-benefiċjarji ma jkunux imxew mar-regoli. Għalkemm dan jiġri biss f'minoranza tal-każijiet, mhux se jissolva b'simplifikazzjoni tar-regoli attwali.

Analiżi tar-rati tal-errur li saret għal Orizzont 2020 (inkluż il-Programm Euratom) u l-awditjar imwettqa sal-lum jipprovdu l-informazzjoni li ġejja.

- Madwar 69% tal-erruri huma relatati mal-ħlas tal-kostijiet tal-persunal. Il-problemi rikorrenti identifikati huma l-kalkolu skorrett tas-siġhat produttivi; ir-rati skorretti jew l-għadd skorrett ta' siġhat imħallsa.

- Madwar 21% tal-erruri huma relatati ma' kostijiet diretti oħra (mhux tal-persunal). L-aktar errur frekwenti identifikat hu n-nuqqas ta' kejl dirett tal-kostijiet.

- Madwar 8% tal-erruri huma relatati mal-kostijiet tas-sottokuntrattar u 24% mal-kostijiet tal-ivvjaġġar.

L-erruri identifikati waqt l-awditjar ta' Orizzont 2020 u l-Programm Euratom juru li wħud minnhom setgħu ġew evitati bis-simplifikazzjonijiet u billi jiġu evitati ċerti formaliżmi bla bżonn fir-regoli. Ġie introdott titjib tul Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa u l-Programm Euratom 2021-2025 (regoli ġodda għall-fatturazzjoni interna u remunerazzjoni addizzjonali, pereżempju). Iżda l-impatt ta' dawn il-bidliet fuq ir-rata tal-errur għadu mhux magħruf.

L-użu usa' tal-SCOs, bħal rati fissi u kostijiet unitarji, kif ukoll is-simplifikazzjoni kontinwa tar-regoli, se jgħinu biex tonqos ir-rata tal-errur futura, stmata għal 3-4% fuq bażi rappreżentattiva. Iżda l-problema sottostanti tal-erruri f'metodu tal-finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli għadha mhix solvuta. F'sistema bħal din, ir-rata tal-errur rappreżentattiva tista' tonqos għal 2.5-3.5%, bir-rata tal-errur residwi, wara l-korrezzjonijiet, mistennija tkun madwar (iżda mhux bilfors inqas minn) 2%.

Orizzont Ewropa introduċa rata akbar ta' finanzjament b'somma f'daqqa. B'hekk il-pagament seta' jsir meta jinkiseb riżultat xjentifiku sodisfaċenti. Mhi meħtieġa l-ebda ġustifikazzjoni addizzjonali għal dan il-pagament, bħal fatturi, skedi tal-ħin, provi tal-pagament, eċċ. Għalhekk, m'hemmx erruri finanzjarji.

Il-proposta tal-Programm Euratom tippermetti lill-Kummissjoni tuża l-mudell tal-finanzjament ta' somma f'daqqa fl-2026-2027. Dan se jiġi evalwat, b'mod partikolari biex wieħed jara jekk jippermettix li jintlaħqu l-oġġettivi kollha tal-Programm (mhux biss it-tnaqqis tar-rata tal-errur). Il-ħlas ta' somom f'daqqa jixħet ir-riskji lejn stadji oħra tas-sistema tal-kontroll intern, u jagħmel l-evalwazzjoni u l-valutazzjoni tar-riżultati aktar importanti.

L-għadd ta' tranżazzjonijiet involuti jfisser li livell għoli tal-kontroll *ex ante* sistematiku jkun għali ħafna. Għalhekk, l-istrateġija attwali tal-kontroll tistrieħ fuq kontrolli *ex ante* u *ex post* ibbażati fuq ir-riskju biex tivvaluta l-livell tal-errur u tidentifika u tirkupra l-ammonti ineliġibbli. Peress li r-rati tal-erruri baqgħu fil-medda stabbilita, din l-istrateġija tal-kontroll titqies effettiva. Mhix proposta bidla radikali, iżda xi aspetti se jiġu żviluppati aktar; pereżempju se jiddaħħal awditjar tas-sistemi u tal-proċessi.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-kostijiet tas-sistema tal-kontroll (evalwazzjoni, għażla, ġestjoni tal-proġetti, kontroll *ex ante* u *ex post*) huma stmati għal 3-4% fid-dipartimenti tal-Kummissjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-Programmi Qafas preċedenti għall-2017 (inkluż il-kostijiet għall-ġestjoni tas-Seba' Programm Kwadru u Orizzont 2020). Dan

hu meqjus raġonevoli fid-dawl tal-isforzi meħtieġa biex ikun żgurat li jintlaħqu l-oġettivi u jsir l-għadd ta' tranżazzjonijiet.

Ir-riskju mistenni ta' errur waqt il-ħlas tal-ġhotjiet b'mudell ta' finanzjament ibbażat fuq ir-rimborż tal-kostijiet eliġibbli hu 2.5-3.5%. Ir-riskju ta' errur waqt l-ġheluq (wara l-kontrolli u l-korrezzjonijiet) hu madwar – iżda mhux bilfors inqas minn – 2%. Ir-riskju ta' errur mistenni għall-ġhotjiet b'mudell ta' finanzjament ibbażat fuq finanzjament ta' somma f'daqqa hu qrib iż-0% (waqt il-ħlas jew waqt l-ġheluq). L-aspettattiva kumplessiva għar-rati ta' errur tiddependi fuq il-bilanċ bejn iż-żewġ metodi tal-finanzjament (rimborż tal-kostijiet eliġibbli u somom f'daqqa). L-għan tal-Kummissjoni hu li, meta xieraq, tapplika l-mudell tal-finanzjament ta' somma f'daqqa. Iżda r-raġuni ewlenija għall-adozzjoni ta' finanzjament b'somma f'daqqa mhux se tkun biex tonqos ir-rata tal-erruri, iżda pjuttost biex jintlaħqu l-oġettivi kollha tal-Programm. Dan ix-xenarju jassumi li l-miżuri tas-simplifikazzjoni mhumie x soġġetti għal modifiki sostanzjali fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

Nota: din it-taqsimha tikkonċerna biss il-proċess tal-ġestjoni tal-ġhotjiet. Għan-nefqa amministrattiva u operazzjonali implimentata bil-proċessi tal-akkwist pubbliku, ir-riskju tal-errur waqt il-ħlas u waqt l-ġheluq għandu jkun inqas minn 2%.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Il-ftehimiet tal-kontribuzzjoni li jirriżultaw minn dan ir-Regolament li se jiġu konklużi mal-partijiet terzi se jipprevedu superviżjoni u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew minn rappreżentant awtorizzat minnha, flimkien ma' awditjar mill-Qorti tal-Awdituri jew mill-OLAF, imwettqa – fuq il-post, jekk ikun meħtieġ – fid-diskrezzjoni tal-UE.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati

- Linji baġitarji eżistenti

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhux diff ¹ .	mill-pajjiżi tal-EFTA ²	minn pajjiżi kandidati u minn kandidati potenzjali ³	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor
H1	01 01 02 Nefqa ta' appoġġ għall-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom”					
	01 01 02 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimenta l-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta.	Mhux diff.				
	01 01 02 02 Persunal estern li jimplimenta l-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta.	Mhux diff.				
	01 01 02 03 Nefqa għall-ġestjoni oħra għall-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta.	Mhux diff.				
	01.010211 Nefqa b'rabta ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimenta l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta	Mhux diff.	LE	IVA	IVA	LE
	01.010212 Persunal estern li jimplimenta l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta	Mhux diff.				
	01.010213 Nefqa għall-ġestjoni oħra tal-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom tal-Euratom — Riċerka diretta	Mhux diff.				
	01 03 Baġit operazzjonali ta' Orizzont u Euratom	Diff.				
	01 03 01 Riċerka u żvilupp fil-fużjoni (azzjonijiet indiretti)					
	01 03 02 Fissjoni nukleari, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni (azzjonijiet indiretti)					
	01.0303 Azzjonijiet diretti nukleari taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta					

¹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati/Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

² EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

³ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

- Linji baġitarji ġodda mitluba

Intestatura tal-qafas finanzjarj u pluriennal i	Linja baġitarja	Tip ta' nefqa	Kontribuzzjoni			
	Numru	Diff./Mhu x diff.	mill- pajjiżi tal- EFTA	minn pajjiżi kandidati minn kandidati potenzjali	minn pajjiżi terzi oħra	dħul assenjat ieħor

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- ☒ Il-proposta/inizjattiva teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

3.2.1.1. Appropriazzjonijiet mill-baġit invutat

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	1	Suq Uniku, Innovazzjoni u Diġitali
--	----------	------------------------------------

DĠ: RTD			Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali						
01 03 01 Riċerka u żvilupp fil-fużjoni	Impenji	(1a)	116.037	122.196		238.233
	Pagamenti	(2a)	46.414	49.478	142.341	238.233
01 03 02 Fissjoni nukleari, sikurezza u protezzjoni mir-radjazzjoni (azzjonijiet indiretti)	Impenji	(1b)	52.998	55.811		108.809
	Pagamenti	(2b)	21.199	22.924	64.686	108.809
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁵⁸						
01 01 02 01 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplimenta l-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta	Impenji = Pagamenti	(3a)	8.223	8.523		16.746
01 01 02 02 Persunal estern li jimplimenta l-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta	Impenji = Pagamenti	(3b)	0.348	0.361		0.708
01 01 02 03 Nefqa għall-ġestjoni oħra għall-“Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom” — Riċerka indiretta	Impenji = Pagamenti	(3c)	1.658	1.718		3.376

⁵⁸ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta, riċerka diretta.

Appropriazzjonijiet TOTALI għad-DĠ RTD	Impenji	=1a+1b +3a+3b+3c	179.263	188.609		367.872
	Pagamenti	=2a+2b+3a+ 3b+3c	77.841	83.004	207.027	367.872
DĠ: JRC			Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027 (ara l-punt 1.6)	TOTAL
• Appropriazzjonijiet operazzjonali						
01.0303 Azzjonijiet diretti nukleari taċ-Ċentru tar-Riċerka Konġunta	Impenji	(1a)	12.500	12.500		25.000
	Pagamenti	(2a)	3.700	9.700	11.600	25.000
Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁵⁹						
01 01 02 11 Nefqa relatata ma' uffiċjali u persunal temporanju li jimplementa l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta	Impenji = Pagamenti	(3a)	56.277	57.277		113.554
01 01 02 12 Persunal estern li jimplementa l-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta	Impenji = Pagamenti	(3b)	10.455	10.455		20.910
01 01 02 13 Nefqa għall-ġestjoni oħra għall-Programm tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom — Riċerka diretta	Impenji = Pagamenti	(3c)	35.314	35.697		71.011
Appropriazzjonijiet TOTALI għad-DĠ JRC	Impenji	=1a+3a+3b+ 3c	114.546	115.929		230.475
	Pagamenti	=2a+3a+3b+ 3c	105.746	113.129	11.600	230.475

⁵⁹ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

• TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali	Impenji	(4)	181.534	190.507	0	372.041
	Pagamenti	(5)	71.313	82.102	218.627	372.041
• TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett għal programmi speċifiċi	Impenji = Pagamenti	(6)	112.275	114.031		226.306
Appropriazzjonijiet TOTALI taħt l-INTESTATURA 1 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji	=4+6	293.809	304.538		598.347
	Pagamenti	=5+6	183.588	196.133	218.627	598.347

Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali	7	“Nefqa amministrattiva”
--	----------	-------------------------

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027 (ara l-punt 1.6)			TOTAL
DĠ: <.....>							
•Riżorsi umani							
•Nefqa amministrattiva oħra							
TOTAL DĠ <.....>	Appropriazzjonijiet						

Appropriazzjonijiet TOTALI taħt l-intestatura 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	(Impenji totali = Pagamenti totali)						
--	-------------------------------------	--	--	--	--	--	--

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

		Sena 2026	Sena 2027	Wara l-2027 - Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)			TOTAL
Appropriazzjonijiet TOTALI taħt L-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Impenji						
	Pagamenti						

3.2.2. Output stmat ifffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

Indika l-objettivi u l-outputs			Sena N		Sena N+1		Sena N+2		Sena N+3		Daħħal is-snin kollha meħtieġa biex turi t-tul tal-impatt (ara l-punt 1.6)						TOTAL	
	OUTPUTS																	
	↓	Tip ⁶⁰	Kost medju	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru	Kost	Nru totali
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁶¹ ...																		
- Output																		
- Output																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1																		
OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ...																		
- Output																		
Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2																		
TOTALI																		

⁶⁰ L-outputs huma prodotti u servizzi li għandhom jiġu pprovduti (eż.: għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁶¹ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettivi speċifiċi..."

3.2.3. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi*

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva tehtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljun ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali			
Riżorsi umani			
Nefqa amministrattiva oħra			
Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali			

Barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	Sena 2026	Sena 2027	TOTAL
Riżorsi umani	75.303	76.616	151.918
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva	36.972	37.415	74.387
Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali	112.275	114.031	226.305

TOTAL	112.275	114.031	226.305
--------------	----------------	----------------	----------------

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani

- ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani.
- ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

	Sena 2026	Sena 2027
•Pożizzjonijiet fit-tabella tal-persunal (uffiċjali u persunal temporanju)		
20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni)		
20 01 02 03 (Delegazzjonijiet)		
01 01 02 01 (Riċerka indiretta)	47	47
01 01 02 11 (Riċerka diretta)	396	390
Linji baġitarji oħra (speċifika)		
• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għal Full-Time FTE)⁶²		
20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali")	0	0
20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet)	0	0
XX 01 xx yy zz ⁶³	- fil-Kwartieri Ġenerali	
	- fid-Delegazzjonijiet	
01 01 02 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta)	4	4
01 01 02 12 (AC, END u INT - Riċerka diretta)	153	138
Linji baġitarji oħra (speċifika)		
TOTAL	600	579

XX huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazżjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazżjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

Uffiċjali u persunal temporanju	Kompiti derivati għall-ġestjoni u l-implimentazzjoni tal-Programm speċifiku ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom li jikkupaw pożizzjonijiet fil-pjanijiet ta' stabbiliment awtorizzati u li huma involuti f'azzjonijiet ta' riċerka indiretta u diretta.
Persunal estern	Kompiti tal-persunal estern li jimplementa l-Programm speċifiku tar-Riċerka u t-Taħriġ tal-Euratom, fil-forma ta' azzjonijiet diretti u indiretti ta' riċerka

⁶² AC = Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenziji; JPD = Professjonisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁶³ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☐ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (il-QFP).

- ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali kif ddefiniti fir-Regolament QFP.

- ☐ teħtieġ revizzjoni tal-QFP.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/L-inizjattiva:

- ☐ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi
- ☒ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprijazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

	2026	2027	Total
Speċifika l-korp tal-kofinanzjament			
TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati	p.m.	p.m.	p.m.

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- ☐ Il-proposta/L-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- ☒ Il-proposta/L-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - ☐ fuq ir-riżorsi proprji
 - ☒ fuq dħul ieħor

indika jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

Linja baġitarja tad-dħul:	Approprijazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali	Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ¹	
		2026	2027
Partita 6011	p.m.	p.m.	p.m.
Partita 6012			
Partita 6013			
Partita 6031			

Għad-dħul assenjat, speċifika l-linji baġitarji tan-nefqa affettwati.

01 03XX Approprijazzjonijiet akkumulati mill-kontribuzzjonijiet minn partijiet terzi

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew informazzjoni oħra).

Il-pajjiżi terzi jistgħu jikkontribwixxu għall-programm bi ftehimiet ta' assoċjazzjoni. Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-livell tal-kontribuzzjoni finanzjarja se jiġu stabbiliti fi ftehimiet ta' assoċjazzjoni ma' kull pajjiż u għandhom jiżguraw korrezzjoni awtomatika ta' kull żbilanċ sinifikanti meta mqabbel mal-ammont li l-entitajiet stabbiliti fil-pajjiż assoċjat jirċievu bil-parteċipazzjoni fil-programm, filwaqt li jitqiesu l-kostijiet tal-ġestjoni tal-programm.

¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti grossi wara t-naqqis ta' 20% għall-kostijiet tal-ġbir.

4. DIMENSIJONIJIET DIĠITALI

4.1. Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali. Id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/695 japplikaw u jinkludu rekwiżiti ta' rilevanza diġitali f'termini ta' ġbir, trażmissjoni u ħżin tad-data u skambji tal-informazzjoni.

4.2. Data

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali għall-ġbir, l-ipproċessar, il-ġenerazzjoni, l-iskambju jew il-kondiviżjoni tad-data. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/695.

4.3. Soluzzjonijiet diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jawtorizzaw soluzzjoni diġitali. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/695.

4.4. Valutazzjoni tal-interoperabbiltà

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jikkonċernaw is-servizzi pubbliċi diġitali. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/695.

4.5. Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali

Dan ir-Regolament ma jinkludix rekwiżiti addizzjonali ta' rilevanza diġitali li jeħtieġu miżuri ta' implimentazzjoni speċifiċi. Japplikaw id-dispożizzjonijiet skont ir-Regolament (UE) 2021/695.